*Non Ezawriment ta' Rimedji Ordinarji - Proviso Art 46(2) tal-Kostituzzjoni -*
*u proviso 4(2) tal-konvenzjoni*
*- Procedura tal-Isfida - Art. 541 tal-Kap.9-*
*Art 1,3,8,13 tal-Konvenzjoni*
*Art 32,36, 44 tal-Kostituzzjoni*
*Konvenzjoni tal-CoE dwar il-Prevenzjoni u l-Gieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-nisa u l-vjolenza domestika*
*Obligazzjonijiet Pozittivi tal-Istat*
*L-Att ta' Ratifika tal-Konvenzjoni Istanbul - Kap 581*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**(Sede Kostituzzjonali)**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 69/2017/LSO**

**'X'**

**vs**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' 'X' datat 28 ta' Awwissu 2017 fejn esponiet: -

1. Illi l-esponenti sfat vittma ta' atti vjolenti kommessi minn zewgha, 'Y', liema atti gew irraportati lill-pulizija, u li whud minnhom waslu ghall-arrest tal-istess zewgha fuq akkuzi ta' griehi fuqha u fuq binhom minuri; fastidju; biza' li ha tintuza vjolenza fil-konfront taghha u tal-familjari taghha; *stalking*; ksur tal-kundizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest; u ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni, fost akkuzi ohra;

2. Illi l-esponenti inghatat Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u dan mhux biss bhala wahda mill-kundizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest, izda anke b'sentenza moghti mill-Qorti kriminali;

3. Illi prezentement, zewgha jinstab mehlus mill-arrest permezz ta' zewg digrieti moghtija mill-Magistrat Claire Zammit Stafrace fl-atti tal-kumpilazzjoni numru 200/2015 datat 21 ta' Dicembru 2015; u mill-Magistrat Antonio G. Vella fl-atti tal-kumpilazzjoni numru 305/2016 datat 3 ta' Ottubru 2016;

4. Illi *nonstante* dan kollu, kemm ilu li nghata l-Helsien mill-Arrest fit-3 ta' Ottubru 2016, zewgha ghadu ma waqafx milli jsegwi l-movimenti taghha u tal-familjari taghha, kif

d'altronde kien ghamel wara li nghata l-Helsien mill-Arrest fil-kawza numru 200/15 fis-17 ta' Marzu 2015 - tant illi kien gie arrestat f' zewg okkazjonijiet fuq ksur ta' *bail* fit-8 ta' Lulju 2015 u fis-27 ta' Novembru 2015, u kien rega' nghata l-Helsien mill-Arrest;

5. Illi ricentement, kien hemm bosta incidenti fejn zewgha kien ghamel kuntatt kemm b'mod dirett mal-esponenti u mal-familjari taghha permezz tat-*telephone*, tal-*mobile* u tal-*facebook messenger*, kif ukoll b'mod indirett billi qabbad terzi persuni jibaghtu messaggi privati lill-esponenti. In oltre, zewgha ‘Y’ segwa personalment il-movimenti taghha u tal-familjari taghha; tella' *posts* fuq il-*facebook* personali tieghu bl-intendiment li juri li qed isegwi l-movimenti taghha; u, a dirittura, qabbad terzi persuni sabiex isegwi lill-esponenti, u dan kif huwa rraportat u kkonfermat mill-Ufficjal tal-Probation tieghu permezz ta' rapport ta' andament datat 3 ta' Lulju 2017, kif ukoll mix-xhieda tieghu stess bil-gurament fl-udjenza ta' 3 ta' Lulju 2017 quddiem il-Magistrat Antonio G. Vella fil-kumpilazzjoni li ghandu fil-konfront tieghu fuq akkuzi ta' *stalking*, ksur tal-Helsien mill-Arrest u ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni, fost akkuzi ohra;

6. Illi l-esponenti rraportat dawn l-incidenti kemm-il darba sew fl-ghasses tal-pulizija, kif ukoll direttament lill-iskwadra tal-'Vice Squad' li qed imexxu l-kawza numru 305/16 hawn fuq surreferita;

7. Illi minkejja dan, minn meta nghata l-Helsien mill-Arrest fit-3 ta' Ottubru 2016 sal-gurnata prezenti, il-pulizija ghadhom ma hadux passi immedjati u effettivi fil-konfront ta' zewgha;

8. Illi fil-frattemp, l-esponenti flimkien ma' wliedha u l-familjari taghha ghadhom qed jigu kontinwament ppersgwitati minn l-imsemmi ‘Y’; u sahansitra, dan wara li f’udjenza ricenti, l-akkuzat zewgha ammetta taht gurament fil-Qorti, illi huwa qabbad terza persuna sabiex issegwi l-movimenti taghha;

9. Illi *di piu`*, l-esponenti, bhala l-*parte civile*, kienet gibdet l-attenzjoni tal-Qorti fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2016 fil-kawza numru 305/2016 dwar l-agir ta' zewgha u fil-fatt il-Qorti kienet ordnatlu sabiex "bl-ebda mod ma jersaq lejn il-lokalità taz-Zejtun u lanqas lejn ‘X’ u l-familjari taghha";

10. Illi peress li zewgha kien xorta wahda njora l-Ordni tal-Qorti u beda jkompli jsegwi l-movimenti taghha u tal-familjari taghha, hija kienet giet kostretta tintavola rikors datat 2 ta' Gunju 2017 fl-atti tal-kumpilazzjoni numru 305/16 sabiex il-Qorti terga' tisma' x-xhieda tal-esponenti halli tinforma l-Qorti fuq dak li ghaddejja minnu fil-mori tal-kawza u b'hekk issahhah l-akkuzi li hemm fil-konfront ta' zewgha, partikolarament ta' *stalking* u ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni; u dan *ai termini* tal-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali. Fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2017, il-Qorti kriminali permezz ta' verbal (digriet) datat 8 ta' Gunju 2017

issolecitat *"lill-Prosekuzzjoni sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet mehtiega jekk ikun il-kaz jistitwixxi proceduri kontra l-imputat skont il-ligi taht l-Artikolu 579 subinciz 2 kif ukoll jekk ikun il-kaz, ghall-kummissjoni tar-reati godda";*

11. Illi minkejja dan il-verbal tal-Qorti, il-prosekuzzjoni baqghet inadempjenti u ma ttiehdu l-ebda passi fil-konfront tal-imsemmi ‘Y’;

12. Illi l-esponenti u l-familjari, partikolarment uliedha u ommha, qed jghixu f’ biza' kontinwa tant illi dan qed ikun ta' detriment ghal sahhitha u sahhet uliedha kemm fizikament kif ukoll psikologikament tant illi spiccat tiehu l-kalmanti;

13. Illi fl-umili fehma tal-esponenti dan jikkostitwixxi nuqqas serju fl-**obbligazzionijiet pozittivi** tal-intimati, jew min minnhom, fil-qadi ta' dmirijiethom, partikolarment is-salvagwardja tas-sigurta', id-dinjita` u l-privatezza tal-esponenti u l-familjari taghha. Konsegwentement, l-agir tal-intimati jammonta ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, u dan anke *in vista* tar-ragunijiet segwenti:-

a Illi n-nuqqas assolut ta' protezzjoni u nfurzar tal-ligi u tal-Ordnijiet tal-Qrati ta' Malta da parti tal-intimati jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti;

b Illi dan qed ikollu impatt fuq il-hajja privata taghha u ta' wliedha minuri;

c Illi n-nuqqas ta' rimedji effettivi qed ikollu impatt serju u gravi fuq hajjitha u dawk ta' wliedha;

14. Illi fil-kumpless ta' dawn ic-cirkustanzi ghandu jirrizulta ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 32 maghdud mal-artikoli 36 u 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; l-Artikolu 1 maghdud mal-artikoli 3, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem; u l-Artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Glieda kontra I-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u I-Vjolenza Domestika.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett sabiex dina I-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas ta' azzjoni immedjata u effettiva da parti tal-intimati, jew min minnhom, kif hawn fuq premess tammonta ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti taht l-Artikoli 32, 36 u 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; l-Artikoli 1, 3, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem; u l-Artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Glieda kontra I-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u I-Vjolenza Domestika;

2. Taghti dawk ir-rimedji u direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tal-esponenti jigu salvagwardjati fis-sens premess

u tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex iwettqu tali rimedji fi zimien qasir u perentorju;

3 Tillikwida kumpens in lineja ta' danni non-pekunjarji sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghha kif premess u tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu l-istess fi zmien qasir u perentorju.

BI-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2017 u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-intimat b’ghoxrin (20) jum ghar-rirpsota.

**Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 12 ta’ Settembru 2017 a fol 9 tal-process fejn esponew bir-rispett:**

Illi fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li allegatament l-intimati jew minn minnhom naqsu milli jiehdu azzjoni immedjata u effettiva fil-konfront ta’ ‘Y’ u dan wassal sabiex gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrenti kif protetti bl-artikoli 32, 36 u 44 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-artikoli 3, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll bl-artikolu 18 tal-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Glieda kontra l-Vjolenza fuq in-nisa.

Illi l-esponenti jirrespingu dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi l-Awtoritajiet imxew b' reqqa ma' dak li tistipula l-ligi.

Illi l-esponenti jibdew biex jirrilevaw minnufih li hija assolutament ingusta u bla bazi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-awtoritajiet naqsu milli jiehdu azzjoni fil-konfront ta' 'Y'. Mill-provi ser johrog b' mod car li matul dawn l-ahhar snin kull meta l-pulizija kellhom provi bizzejjed biex jakkuzaw u jressqu lil 'Y' l-Qorti huma qatt ma baqghu lura. Fil-fatt kif ser jirrizulta mill-fedina penali ta' 'Y' hu nstab hati diversi drabi mill-Qrati Maltin ta' reati kommessi fil-konfront ta' 'X' u l-istess 'Y' ghandu zewg kawzi pendenti (305/16 u 200/15) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn gie akkuzat li kkommetta fost ohrajn reati ta' vjolenza domestika, fastidju u ksur ta' ordni ta' protezzjoni fuq 'X' . F'dawn il-processi gew esebiti pataflun ta' rapporti li saru minn 'X' proprju sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom fid-decizjonijiet li ghandha tiehu. Ix-xoghol tal-pulizija huwa fost affarijiet ohra li jinvestigaw ir-rapporti u jiehdu l-passi necessarji f'kaz li jirrizulta li gie kommess reat kriminali. Fil-fatt mhux eskluz li jekk mill-investigazzjonijiet pendenti l-pulizija ssib li 'Y' wettaq xi reati huwa jitressaq il-Qorti skont il-ligi. F'dan il-kuntest allura l-esponenti jsaqsu x' azzjoni immedjata u effettiva qed tippretendi rrikorrenti li l-awtoritajiet ghandhom jiehdu kontra 'Y'? Huwa umanament impossibli li l-pulizija ssegwi u tikkontrolla kull pass u kull agir ta' 'Y' galadarba huwa inghata l-helsien mill-arrest mill-

Qrati taghna. Tajjeb li jigi enfasizzat ukoll li anke 'Y' ghandu d-drittijiet tieghu fosthom il-prezunzjoni tal-innocenza li l-awtoritajiet ghandhom id-dover u l-obbligu li jharsu fil-qadi ta' dmirijiethom.

Illi l-esponenti jirrilevaw li fit-8 ta' Gunju 2017 il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza numru 305/16 fl-ebda hin ma ordnat lill-pulizija jistitwixxu proceduri kriminali fil-konfront ta' 'Y' izda issollecitat lill-prosekuzzjoni taghmel l-investigazzjonijiet mehtiega u **jekk ikun il-kaz** jigu istitwiti proceduri kriminali kontra l-imputat.

**Eccezzjoni Preliminari**

Illi jigi rilevat li r-rikorrenti ma ezawritx rimedju ordinarju li taghtiha l-ligi u ghalhekk ghandu jirrizulta li din il-kawza hija intempestiva. Jekk ir-rikorrenti verament jidhrilha li giet aggravata bil-fatt li l-pulizija ma haditx il-passi kontra l-persuna rrapportata ('Y'), hija tista' dejjem taghmel uzu mill-procedura ta' sfida (*challenge*) kif jikkontempla l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali. Dan huwa rimedju ordinarju effettiv intiz proprju sabiex il-Qorti tal-Magistrati tati ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija jiehu l-passi kontra l-persuna rapportata jew kwerelata jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu l-elementi *prima facie* ta' reat.

Illi *in vista* tas-suespost l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex taghzel li tezercita l-fakolta` moghtija lilha mil-ligi u tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha *ai termini* tal-artikolu 46(2) tal-

Kostittuzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dwar l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni**

Illi l-esponenti jeccepixxu li l-Artikolu 32 ma jigi applikat bil-mod kif ecepixxiet ir-rikorrenti u fil-kawza odjerna ma jistax jinsab ksur tieghu *stante* li dan huwa biss introduzzjoni ghal-lista ta' Drittijiet Umani u ma jistax jigi nvokat bil-mod kif ghamel ir-rikorrenti. Dan jidher car mill-Kostituzzjoni nfisha billi fl-Artikolu 46(1), l-Artikolu 32 huwa eskluz u huma msemmija biss l-Artikoli 33 sa 45.

Illi allura jidher car li persuna li thoss li nkisrilha jew se jinkisrilha xi wiehed mid-drittijiet fundamentali taghha tista' tiftah kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti hekk kif provdut mill-Artikolu 46(1) u din il-kawza tista' tibbazaha fuq wiehed jew aktar mill-Artikoli 33 sa 45 (33 u 45 inkluzi) tal-Kostituzzjoni u fuq l-ebda artikolu iehor.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu a bazi ta' dan l-Artikolu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

**Trattament inuman u degradanti**

Illi r-rikorrent qieghda tilmenta li n-nuqqas ta' azzjoni tal-awtoritajiet jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti fil-konfront taghha.

Illi l-esponenti jirrilevaw li dan huwa ilment assurd jekk mhux malafamanti.

Tajjeb li wiehed ifakkar li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "*in human treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*". It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" — kaz "**Tekin v. Turkey",** deciz fid-9 ta' Gunju 1998. Ghar-rigward ta' trattament degredanti dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-rezistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta` taghha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biza', angoxxa u sens inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu.

Illi l-protezzjoni ghad-drittijet fundamentali hija kontra trattament fost affarijet ohra premeditat, li jikkawza tbatija fizika u mentali, u trattament intenzjonat u apposta li johloq biza, twerwir, angoxxa ecc bil-ghan specifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjita' tal-persuna.

Illi fid-dawl ta' dan QATT ma jista' jinstab minn din l-Onorabbli Qorti li fil-kaz odjern sar xi agir li jista' jitqies li jammonta ghal dan it-tip ta' trattament u ghaldaqsatnt din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex issib ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem u tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

**Id-Dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja**

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid is-segwenti:

*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f' socjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."*

Fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2007 fil-kawza **Dickson vs UK** il-Qorti Ewropea qalet hekk - *The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities*. Ghalhekk l-indhil mill-awtorita` pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta' l-Art.8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropea tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawza "**Tysiac vs Poland**"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk tkunx tezisti hajja familjari li haqqha

protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata (ara **"Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et**" - PAK/GV - 4 ta' Ottubu 2004).

Illi f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda indhil mill-awtoritajiet rigward id-dritt tar-rikorrent ghall-hajja u tal-familja u ghalhekk huwa inspjegabbli kif ir-rikorrenti qed tinvoka dan l-artikolu. Jekk ir-rikorrenti evidentement ghandha problemi personali ma' 'Y' li qed iwasslu ghal indhil min-naha tieghu fil-hajja familjari taghha dan ma jfissirx li ta' dan huwa responsabbli l-lstat. F'dan il-kaz l-awtoritajiet ghamlu u qed jaghmlu minn kollox sabiex tigi mharsa l-hajja familjari u privata tar-rikorrenti bl-ghodda li tipprovdi l-ligi.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Dwar l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 18 tal-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa.

Illi l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni jirrigwarda d-dritt ghal-liberta` ta' moviment pero' r-rikorrent tonqos milli tghid kif allegatament anke dan id-dritt gie vjolat. L-esponenti jishqu li r-rikorrenti m' ghandha l-ebda restrizzjoni ghad-dritt tal-liberta` ta' movement u ghalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni.

Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi ghal rimedju effettiv jekk jinstab li gie vjolat xi dritt fundamentali. F' dan il-kaz l-esponenti jishqu li ma gie miksur l-ebda dritt tar-rikorrenti u ghaldaqstant m'ghandha tinghata ebda rimedju.

Illi l-artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul huwa inapplikabli ghall-kaz odjern u fi kwalunkwe kaz l-Istat Malti qed jiehu dawk l-inizjattivi legislattivi necessarji sabiex tkompli tissahhah il-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' 'X' (ID 494182M) datata 12 ta' Frar 2019 a fol 745 tal-process

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata 16 ta' Mejju 2019 a fol 767 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta inkluz dak tas-seduta tal-Hamis, 23 ta' Mejju 2019, fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri

tal-partijiet, li rrimettew ruhhom ghan-noti ta' osservazzjonijiet taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Lulju 2019 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' dan ir-rikors, l-attrici qed titlob rimedju xieraq u effettiv tal-jeddijiet fondamentali taghha, li tghid li gew vjolati, liema jeddijiet huma sanciti permezz tal-Artikoli 1, 3, 8 u 13 **tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem,** maghmula parti mil-ligi ta' Malta bis-sahha ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (**Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta)**, 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**", kif ukoll b**l-Artikoli 32, 36 u 44** t**al-Kostituzzjoni ta' Malta,** **'**il quddiem imsejjah **"Il-Kostituzzjoni";** u tal-**Artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Glieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika.**

Konsegwentement, qed jintalab li l-Qorti taghti r-rimedji u direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tar-rikorrenti jigu salvagwardjati. Qed jintalab ukoll likwidazzjoni ta' kumpens ta' danni non-pekunarji rigward il-lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Primarjament qed tilmenta dwar in-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-intimati jew min minnhom li jinvestigaw u jaghtu lilha u lill-familja taghha l-protezzjoni effettiva, xierqa u adegwata, meta huma rinfaccjati b'biza, theddid u fastidju kommess minn zewgha,

jew fuq ordni ta' zewgha, minkejja li nhargu kontrih ordijiet ta' protezzjoni u minkejja ordni mill-Qrati lill-Pulizija biex jigi investigat.

Illi l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija rribattew preliminarjament, li r-rikorrenti ma ezawrietx rimedju ordinarju, billi jekk verament jidhrilha li hi kienet aggravata, setghet tipprocedi quddiem il-Qorti tal-Magistrati, *ai termini* tal-**artikolu 541 tal-Kodici Kriminali**; fil-mertu, gie eccepit, li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jistax jigi applikat, billi dan jidher car mill-Kostituzzjoni nnifisha billi l-Artikolu 46(1), l-Artikolu 32 hu eskluz u hu msemmi l-Artikolu 33 sa 45; li ma jistax jinstab li hemm ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, ghaliex ma jirrizultax li hemm trattament inuman u degradenti fil-konfront taghha, li ghalih jahtu l-Awtoritajiet; li hu inspjegabbli kif ir-rikorrenti qed tinvoka l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, meta ma kien hemm l-ebda indhil mill-Awtoritajiet rigward id-dritt tar-rikorrenti ghall-hajja privata taghha; li r-rikorrenti naqset milli tghid kif gie vvjolat id-dritt ghal-liberta' ta' moviment skont l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni; li kwindi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex applikabbli. Dwar l-artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul gie eccepit li dan hu inapplikabbli ghall-kaz odjern, u l-Istat Malti qed jiehu l-inizjattivi legislattivi necessarji biex tkompli tissahhah il-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.

**<u>Fatti:</u>**

Illi l-fatti li jemergu mill-atti huma:

Wara li r-rikorrenti sfat vittma ta' atti vjolenti kommessi minn zewgha, li wasslu anke ghall-arrest ta' 'Y', hi nghatat Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* **tal-Artikolu 412C** tal-Kodici Kriminali. In segwitu, jirrizulta, li 'Y' kompla jivvessa lir-rikorrenti billi jsegwi l-passi taghha u tal-familjari taghha.

Sussegwentement, 'Y' kien gie arrestat f'zewg okkazjonijiet bi ksur ta' helsien mill-arrest (*bail)* fit-8 ta' Lulju 2015 u fis-27 ta' Novembru 2015, u fuq talba tieghu, li ntlaqghet, kien inghata l-helsien mill-arrest.

Illi hemm zewg kumpilazzjonijiet pendenti kontra 'Y' li gew konvertiti fi procedura sommarja minn kumpilazzjoni u cioe`, Kumpil. numru 200/2015 quddiem l-Onr. Mag. 'X' Zammit Stafrace, u Kumpil. numru 305/2015 quddiem l-Onr. Magistrat, li llum gie elevat ghall-Gudikatura, Antonio G. Vella.

Jirrizulta mill-proceduri quddiem il-Magistrat Antonio Vella, li 'Y' ghandu akkuzi ta' *stalking* u ta' ksur ta' 'bail' u ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni fost akkuzi ohra.

Ir-rikorrenti qed tikkontendi li minkejja l-ordnijiet kollha li inghataw, 'Y' baqa' jippersegwitaha minn dakinhar tal-helsien mill-arrest tieghu fit-3 ta' Ottubru 2016, sal-gurnata tal-lum, mhux biss personalment, imma tramite terzi li qabbad ghal dan il-ghan u qed jikkaguna biza' lilha u lill-familja taghha.

Kellha tabilfors terga' taghmel rapporti fl-ghasses ikkoncernati izda tghid li :

a) minkejja li pprezentat dawn ir-rapporti; u
b) minkejja li l-Mag. Vella kien ta digriet fis-sens fil-kumpilazzjoni 305/2015 datat 8 ta' Gunju 2017 issollecita *"lill-Prosekuzzjoni sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet mehtiega jekk ikun il-kaz jistitwixxi proceduri kontra l-imputat skont il-ligi taht l-Artikolu 579 subinciz 2 kif ukoll jekk ikun il-kaz, ghall-kummissjoni tar-reati godda";*

Il-Pulizija baqghu ma hadux passi ulterjuri kontra l-allegat aggressur taghha.

Ghalhekk hi pprocediet bil-kaz in ezami.

**<u>Provi Dokumentari</u>**

Gew esebiti kopja legali tal-atti taz-zewg proceduri b' kumpilazzjoni pendenti kontra ‘Y’ (nota a fol 17).

Illi fil-21 ta' Frar 2015 fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Anzjan Johann J Fenech) v ‘Y’**, hu tressaq taht arrest talli *inter alia*, ta fastidju lil martu u l-familja taghha; ikkaguna biza’ li ser tintuza vjolenza kontra l-persuna jew l-proprjeta' taghha jew tal-familjari taghha; u li permezz ta' *network* jew apparat elettroniku hedded li jaghmel xi reat. Inoltre gie akkuzat talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita'; li ikkaguna griehi hfief fuq ‘X’ u fuq ibnu u terzi persuni; li

hebb kontra ‘X’ u terzi; ghamel ingurji u theddid u volontarjament kiser il paci u l-ordni pubbliku.

Illi fl-10 ta' Gunju 2016 fil-kaz **Il-Pulizija (Sp John Spiteri) v ‘Y’**, tressaq taht arrest talli bejn Marzu u Gunju 2016 gie akkuzat b'segwiment tal-persuna ta' martu ‘X’ bil-mohbi, talli ikkagunalha biza’ bl-imgieba tieghu, talli l-agir tieghu jikkonsisti f'fastidju kontriha, talli hedded jew ingurjaha bil-kliem, talli kiser il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest impost mill-Mag. C. Stafrace Zammit; kif ukoll talli naqas milli josserva xi kundizzjonijiet imposti b'digriet mahrug mill-Mag. A. Vella li fih ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' ‘X’ .

**Il-Fedina Penali** tieghu tinsab esebita a fol 27 u 486. Minn din jirrizulta li kien instab hati gja ta' akkuzi ta' vjolenza kontra nisa ohra.

Ghal dak li jirrigwarda r-rikorrenti jirrizulta li nstab hati:

Fit-8/7/15 talli *inter alia*, hebb ghaliha u nharget kontrih garanzija taht l-art 383 ghal sena;
11/4/16 talli ta' reat kontinwat b'diversi atti maghmula b'rizoluzzjoni wahda li naqas ihallasha manteniment ordnat bil-Qorti - piena - xahrejn prigunerija li giet ridotta ghal R/A mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.
21/3/2016 talli fid-19 ta' Mejju 2015 insulentaha jew heddidha - piena tliet xhur prigunerija.
15/3/2016 talli hedded lil martu ghall-habta tal-23.00 fil-21/10/2014 u talli hebb ghaliha u ikkagunalha griehi hfief -

Hrug ta' Protection Order ghall-sentejn ikkonfermat mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.
17/10/16 - Instab hati talli ma hallasx manteniment lil martu - sentenza ta' xahar prigunerija sospiza ghall-sena u kundanna tal-hlas tal-arretrati dovuti.
8/2/2017 - Instab hati talli ma hallasx manteniment lil martu - sentenza ta' xahrejn prigunerija. Din is-sentenza giet ikkonfermata fl-Appell.
18/5/2017 - Instab hati li ma obdiex digriet ta' manteniment lil 'X' - Piena - Art 22 ghal 6 xhur.

Kien hemm sentenzi ohra fejn instab hati talli ma hallasx il-manteniment ordnat lil martu.

7/4/2017 - Instab hati talli fit-18/11/2105, ta fastidju lil 'X' u ikkagunalha biza' li ser juza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha, jew kontra l-persuna jew proprjeta' tal-familjari taghha. - Piena Garanzija taht l-art 383 tal-Kap 9 taht penali ta' €1,000 ghal sena.

L-ordni mahruga *ai termini* tal-**Artikolu 412C(4)** tinsab esebita a fol 47 mahrug mill-Mag. Antonio G Vella fis-16 ta' Frar 2015. Huwa gie projbiet "*Milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' 'X' .*

L-ordni ghall-helsien mill-arrest mahruga mill-Mag. C. Zammit Stafrace fil-21/12/2015 hija esebita a fol 51/52 tal-process u fost il-kondizzjonijiet imfissra hemm li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja, jew li javvicina direttament jew indirettament ix-xhieda tal-

Prosekuzzjoni, u dan taht depozitu ta' €1,000 oltre garanzija personai ta' €15,000.

L-ordni ghall-helsien mill-arrest mahruga mill-Mag. A. G. Vella fit-3 ta' Ottubru 2016 tinsab esebita a fol 119 u fiha l-istess kondizzjonijiet bhall-ordni precedenti, u inghatat taht depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €6,000.

Illi l-*Protection Order* mahruga *ai termini* tal-**art 412C(4) tal-Kodici Kriminali** fis-16 ta' Frar 2015 hija esebita a fol 148 tal-process. B'din l-ordni 'Y' gie projbit milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-moviment ta' 'X' , u milli jkollu access ghall-perjodu ta' mhux izjed minn 6 xhur jew sas-sentenza finali gewwa l-fond fejn hi tirrisjedi jew tahdem jew tiffrekwenta anke jekk ghandu interess lejali f'dak il-fond.

Inoltre gie projbit milli jimmolestaha.

L-ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-sehh ghal sentejn.

Rapport mill-Professur David Mamo (psik) nominat biex jezamina lill-akkuzat (fol 45) fejn jiddokumenta li kien dahal f'Mt Carmel gja 6 darbiet qabel, minn Frar 2015 sa Gunju 2016, kollha relatatati mal-*interpersonal issues with 'X' .* Dan ir-rapport huwa inserit fl-atti ta' wiehed mill-kumpilazzjonijiet u ghalhekk il-kontenut huwa maghruf lill-prosekuzzjoni.

Rapporti li saru huma esebiti a fol 550-663.

Ir-rapporti rilevanti ghall-mertu ta' dan il-kaz huma dawk li saru :

6/10/2016) - dwar telefonata fejn fir-rapport ir-rikorrenti identifikat il-lehen ta' zewgha;
25/2/2017 - dwar incident li allegatament sehh lejliet dwar ksur tal-*Protection Order*.
3/5/2017 - dwar incident tal-1/5/2017 fejn qalet li zewgha kien qed icempel fid-dar ta' ommha biex ikellem lit-tifel.
11/7/2017 - dwar incident li sehh lejliet fejn zewgha pprova jaghmel kuntatt maghha. Jidher mir-rapport li huwa ammetta li cempel izda biex ikellem lit-tfal tieghu.

**Provi:**

**First Sergeant Major John Mary Camilleri** xehed (fol 492)[1] u pprezenta l-fedina penali ta' 'Y' Dok JMC1, bil-karta tal-identita numru 493073, li hija aggornata sal-lum.

**L-Ispettur John Spiteri** Spettur fil-Vice Squad xehed (fol 494 a-j; fol 717-720)[2] u qal li kien hemm ordni tal-Qorti tal-Magistrati li kellhom ikomplu l-investigazzjonijiet kontra 'Y'. Semma li kien hemm ksur ta' 'bail' u ta' 'Protection order', fejn wahda mill-akkuzi kienet li 'Y' kiser l-ordni tal-'bail', liema 'bail" kien inghata mill-Magistrat 'X' Stafrace Zammit. Hu semma wkoll kaz fejn kien involut hu, meta 'X' kienet irceviet messagg ta' Happy Mothers Day, u 'Y' qal li ma kienx hu li baghtu izda t-tfajla tieghu Filippina, ghalhekk

[1] Seduta tal-25 ta' Ottubru 2017
[2] Seduta tad-9 ta' Novembru 2017; Seduta tat-13 ta' Marzu 2018.

wasal ghall-konkluzjoni li jekk imexxi bil-Qorti mhux ser ikun hemm prova minghajr dubju. Spjega li wahda mill-kundizzjonijiet tal-'bail', kien li Pisani ma javvicinax lil 'X' minhabba 'stalking', u kien hemm impediment li jidhol iz-Zejtun izda hi kienet proprju bidlet ir-residenza taghha u marret toqghod Marsascala.

Qal li 'Y' kien anke xi drabi jcempel lil omm 'X' , biex kif qal hu, forsi xi drabi jisma' t-tfal, it-telefonati huma ammessi da parti tieghu u ghandhom il-*phone records*, izda dan ma kienx jammonta ghal ksur ghax hu kien qed icempel lin-nanna mhux lil 'X' . Hu specifika li kien hemm zewg rikorsi, wiehed biex l-imputat 'Y' ma jidholx iz-Zejtun, u dak intlaqa', u sussegwentemet kien hemm rikors min-naha tad-difiza tieghu biex jigu varjati l-hinijiet tax-xoghol.

Referut ghal verbal *ai termini* tal-artikolu 579, li kien sar mill-parti leza qal li ma jiftakarx dwar dan. Illi meta 'X' kienet xi drabi kellmitu fuq xi affarijiet, hu dejjem iddiregiha biex taghmel rapport l-Ghassa, u xi drabi s-Surgent kien infurmah b'dawn ir-rapporti. Semma li f'kazijiet bhal dawn hemm il-Victim Support Unit fi hdan il-Pulizija, imbaghad is-Surgent tad-Distrett jinforma lill-Ispettur u jinvestiga hu. Rigward dan il-kaz, qal, li l-'bail' ghandu l-kondizzjonijiet kif specifikati fil-ligi taht l-artikolu 579 pero` mbaghad hemm il-*protection order ad hoc*. Qal li hu ghandu impressjoni li dawn huma distinti. Mistoqsi dwar l-incident tat-12 ta' Awwissu, qal, li meta 'Y' mar quddiem il-bieb ta' 'X' f'Marsaskala u werwer lit-tfal, qal li hu sar jaf b'dan hafna wara, u dan mhuwiex wiehed mill-kazijiet li tkellem fuqu u

qalulu li m'hemmx kaz. Semma li l-ahhar proceduri li ttiehdu fil-konfront ta' 'Y' huma dawk ta' Marzu u Gunju 2016 fuq 'stalking', u jikkonferma li min-naha tieghu dak hu l-ahhar procediment li ha, izda ma jistax ighid min-naha tad-Distrett. Mistoqsi qattx ikkomunika mal-*probation officer*, qal li le. Spjega li *in charge* mill-Victim Support Unit hi l-Ispettur Silvana Gafa`.

Hu xehed ulterjorment, u qal li 'X' kienet vittma ta' vjolenza domestika u kemm-il darba giet l-ufficcju tieghu tirraporta fatti u cirkostanzi ta' reati mill-eks ragel taghha. Spjega li meta ra lil 'X' l-ewwel darba, diga` kien hemm diversi rapporti li kienu saru fl-Ghassa tad-Distrett. Qal li fl-ewwel akkuza hu kien hareg l-akkuza quddiem il-Magistrat 'X' Stafrace Zammit, l-ewwel darba li hareg l-akkuza ta' ksur ta' 'bail' u ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni, u ftit taz-zmien wara kien hemm incident iehor meta 'Y' kien ra lit-tifel tieghu filghaxija u kien mar ikellem lit-tifel, hu kien kellem lil 'Y' rigward dan, u sussegwentement dahhal rikors quddiem il-Magistrat, fejn kien hemm qbil li t-tifel jixhed darba u x-xhieda giet estratta u mqieghda fl-atti tal-kawza **Pulizija vs 'Y'**.

Referut ghall-verbal datat 8 ta' Gunju 2017 tal-Qorti tal-Magistrati, wiegeb li kien kellem lil 'Y', u ma kienx irrizulta li kien hemm l-elementi kollha biex jitressaq fuq ksur ta' 'bail' u ksur ta' Ordni tal-Protezzjoni, u kien ipprezenta rikors fejn talbu li minbarra li ma tigix milqugha t-talba ghall-varjazzjoni tal-hin, kif mitluba minn 'Y', biex ikun hemm l-impediment li 'Y' ma jersaqx lejn ir-rahal taz-Zejtun, fejn

kienet tirrisjedi dak iz-zmien ir-rikorrenti. Zied jghid li l-agir ta' 'Y' kien qisu 'borderline', ghaliex meta semma l-incident li kellem lit-tifel fl-ghaxija f'Marsascala, ma kienx jammonta ghal ksur ta' 'bail', proprju peress li ma kienx hemm ksur tal-*bail conditions* ghax ma kienx hemm impediment li hu ma javvicinax Marsascala. Zied ighid, li meta hu kellu dubju dwar l-agir ta' 'Y', hu anke kkonsulta mal-Avukat Generali.

**In kontro-ezami** qal (fol 735-743)[3] li dakinhar wara s-seduta tat-8 ta' Gunju 2017, meta kien sar il-verbal tal-Qorti referut, hu gibed l-attenzjoni tal-Qorti li 'X' m'ghadhiex toqghod iz-Zejtun izda Marsascala, izda gie nfurmat mill-Qorti, li jekk ikun hemm xi ksur jinforma dwar dan. Spjega li kien irrizultalu li 'Y' meta kien qed ikun Marsascala ghax kien qed jahdem ma' tal-'iscammel'. Mistoqsi ghamilx investigazzjoni jekk Pisani setax jitlob xi rotta ohra, qal li hu kien tkellem ma' min kien jimpjega lil Pisani izda ma kienx ghadu qed jahdem ma' tal-'iscammel' f'dak l-istadju, izda ma' tat-taxi. Mistoqsi hu hax konjizzjoni tar-rapporti li kienu saru numri, 650, 654, 656 u 659 meta nghata l-'bail' wara li tressaq ghal 'stalking' bejn it-3 ta' Ottubru 2016 sat-8 ta' Gunju 2017, spjega li hawnhekk qed jitkellem fuq kundizzjonijiet ta' *bail*, jekk ikun hemm ezempju ksur ta' kundizzjonijiet li ma tistax tkun barra f'nofs ilejl, dak jigi ksur ta' *bail*, u f'dak il-kaz hu jinvestiga, izda jekk l-imputat ikun kiser il-*bail* u wettaq reat iehor ma jkunx hu li jinvestiga izda l-Ispettur li jinvestiga r-reat originali li wassal ghall-ksur ta' 'bail'. Difatti, hemm *recorded* li Jason Pisani baqa' jaghmel

[3] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2018

telefonati. Spjega li f'certa sitwazzjonijiet li diga` spjega fejn anke hu kien ghamel telefonati lil omm 'X' , kienu sitwazzjonijiet 'fine line' fejn hu anke kkonsulta u ha direzzjoni mill-Avukat Generali dwar dan. Mistoqsi dwar il-messaggi li 'X' kienet irceviet minghand 'Y', hu wiegeb li biex ikun hemm ksur ta' 'bail' irid ikun hemm ksur tal-kondizzjoni imposta minnu mill-Qorti. Fil-fatt qal li 'Y' tressaq ghal ksur ta' 'bail conditions' mis-Superintendent Johann Fenech, u kien hemm xi kaz iehor pendenti dwar ksur ta' ordni ta' protezzjoni.

Qal li huwa addett mal-Vice Squad izda jigi infurmat wara li dak li jkun ikun ghamel rapport mal-Ghassa. L-obbligu tas-Surgent li jircievi r-rapport huwa li jinforma lill-Ispettur tieghu. Fuq mistoqsija tal-Qorti qal li ma hemmx sistema kif Spettur tad-Distrett ikun jaf permezz tal-isem jew karta tal-Identita' dwar rapporti li qed isiru kontra persuna. Il-fedina penali u l-kondizzjonijiet tal-*bail* suppost jiddahhlu fis-sistema tal-*computers.* Qal li jekk isir reat dan jigi investigat bhala kaz separat u mhux fil-kuntest ta' vjolenza domestika.

Mistoqsi jekk hemmx sistema fejn b'xi mod meta wiehed idahhal rapport li ser ikun hemm indikazzjoni (*jifflagja)* fuq is-sistema li dan il-persuna qieghed fuq *bail* per ezempju, wiegeb li fuq *bail* iva*,* imma fuq *protection order* le.

Mistoqsi dwar il-fatt, li minkejja dan, l-'istalking' illum ghadu ghaddej, jekk hemmx mekkanizmu fejn il-Pulizija tista' tintervjeni, qal li hemm mekkanizmu izda trid tibda

investigazzjoni gdida. Ikkjarifika li hu bhala Spettur tal-Vice Squad dan ir-reat ma kienx fir-remit tieghu. Fil-fatt specifika fid-dettal, li l-iskwadra taghhom tiehu hsieb *human trafficking*, prostituzzjoni, abbuz sesswali u fiziku fuq it-tfal, lottu u ‘hate crimes’, pero` dan il-kaz ma jaqax taht ir-remit taghhom. Spjega li hu ghandu l-obbligi tieghu taht l-artikolu 355 tal-Kap 9, li suppost jinvestigaw kull reat, izda bhala procedura ma kienux obbligati jaghmlu dan il-kaz in ezami. Spjega li l-fatt li jkun hemm l-istess *patterns* fl-‘istalking’, dan jammonta ghal reat li jrid jerga’ jigi investigat mill-gdid. Zied ighid, li jekk l-ordni tal-protezzjoni qed tigi miksura dak hu reat, li jrid jerga’ jitressaq fuqu, b’hekk ma jkunx kiser l-ordni ta’ protezzjoni biss izda jkun wettaq reat iehor.

Dwar il-kaz tat-12 ta' Dicembru 2017 meta ‘Y’ kien Marsascala u kellem lit-tifel, qal li hu kien tkellem ma’ L-Ispettur Johann Fenech dwar dan u fil-fatt kien ipprezenta rikors quddiem il-Magistrat Anthony Vella. Hu kkonferma li meta hu akkuza lil ‘Y’ b’reat ta’ ‘stalking’, dak ir-reat ikopri perjodu partikolari. Ikkonferma wkoll li hemm rabta bejn il-Vice Squad u l-Victim Support Unit, fejn jigi mmoniterjat kull rapport ta’ vjolenza domestika.

**L-Ispettur Johann Fenech** xehed (fol 534-536; 690-691; fol 730-732)[4] u qal li l-kaz Pulizija vs ‘Y’ 200/15 imur lura ghall-20 ta’ Frar 2015, fejn Pisani kien mar biex jara t-tfal, kien hemm argument li eskala u hu kien arrestah fil-21 ta’ Frar 2015. Dakinhar qal li sussegwentement, kien inghata

[4] Seduta tad-9 ta’ Jannar 2018, Seduta tal-1 ta’ Frar 2018; Seduta tal-5 ta’ Lulju 2018.

l-'bail' taht diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jkellimx lil 'X' jew lill-familjari taghha, u jiffirma l-Ghassa. Spjega ulterjorment, li kien rega' ressqu taht arrest fid-9 ta' Lulju 2015 peress li kellhom xi kawzi bejniethom fil-Qorti tal-Familja l-Belt, fejn is-Sur Pisani kien avvicina lil 'X' fil-bini tal-Qorti u kien ressqu taht arrest u wahhlu €700 multa. Semma li aktar tard dik is-sena, fl-2015, 'X' kienet giet taghmel rapport ghax rega' beda jivvessaha, u kien ghamel rikors *ai termini* tal-artikolu 579 tal-Kap 9 quddiem il-Magistrat 'X' Stafrace Zammit ghal ksur ta' 'bail'. Minhabba li kien hemm kaz ta' ksur iehor fl-2017, hu rega' pproceda taht l-artikolu 579, issa appuntat ghas-smigh ghall-15 ta' Jannar. Qal li r-rikorrenti eventwalment ma baqghetx taghmel rapport l-Ghassa taz-Zejtun u r-rikorriet id-Depot ghand is-Sur Spiteri tal-Vice Squad. Spjega li l-ewwel darba li gie investigat minnu kien fl-2014, kien hemm incident zghir fejn mar ikellem lil 'X' , izda ma kienx involut wisq f'dan il-kaz, imbaghad meta gie mressaq taht arrest kien kif diga` qal fl-2015. Jekk ikun hemm kaz ta' 'bail' fil-konfront tas-Sur Pisani li ma jkunux marbutin ma' kaz tieghu, mhux necessarjament isir jaf biha.

Xehed ulterjorment u pprezenta r-rapporti kollha li ghamlet 'X' li qed jigu mmarkati Dok JF1 u li jmorru lura sad-9 ta' Jannar 2008, u l-ahhar rapport kien recenti.

Xehed ulterjorment u qal li kien gie nfurmat recentement b'incident iehor fl-14 ta' Gunju 2018 f'Wied il-Ghajn, fejn gie infurmat mis-Surgent PS 692 li 'Y' kien avvicina lil 'X' u allegatament hu kien qieghed fuq xoghol hemmhekk b'taxi,

fejn kien hemm xi battibekki bejniethom. Hu qal li 'X' kellmitu b'ton dispreggjattiv, u 'X' qalet li beda jsegwiha, hi ppruvat issuq biex tevitah u qalet li wegga' t-tifel ukoll, izda ma gabitx certifikat l-Ghassa. Dwar dan qal li hu pprezenta rikors minhabba ksur ta' 'bail', Dok JF1 u JF2. Qal li hu stazzjonat l-Ghassa taz-Zejtun, m'ghandux x'jaqsam mal-Ghassa ta' Wied il-Ghajn, u gie nfurmat b'dan il-kaz minhabba l-ksur ta' 'bail'.

**L-Assistent Kummissarju Denis Theuma** xehed (fol 539-545; fol 692-694; fol 701-706)[5] dwar is-suggett ta' vjolenza domestika, qal li din hi inkorporata fil-korp kollu, u li jsir anke *training* fuq hekk. Semma li meta jidhol rapport is-Surgent jista' jinforma lill-Ispettur, fejn ikun hemm 'issues ta' charges' jew problemi teknici. Qal li l-'Vice Squad' tiddilja b'kazijiet ta' 'domestic violence' ta' certa serjeta'. Spjega li t-*training* li ghamel referenza ghalih ilu ghaddej madwar sentejn. Mistoqsi jekk hemmx 'standard operation procedures' f'kazijiet ta' vjolenza domestika, qal, li ma jistax ighid hemmx, izda kull kaz jinghata l-importanza tieghu. Referut ghal linji gwida li kienu hargu fl-2007 (fol 531) dwar vjolenza domestika, qal li iva hu jaf bihom, u suppost id-distretti kollha konxji minnhom. Mistoqsi x'jigri jekk persuna tmur tirrapporta li hemm ksur ta' ordni ta' protezzjoni, qal, li jridu jittiehdu l-proceduri necessarji mid-Distrett. Spjega wkoll li l-*arresting polic*y qieghda fuq bazi ta' *zero tolerance*. Zied ighid, li meta jsir rapport fl-Ghassa hu s-surgent tad-distrett, li jipprocedi sussegwentement ghal dak ir-rapport. Qal li l-vittma suppost tigi wkoll

[5] Seduta tad-9 ta' Jannar 2018; Seduta tal-1 ta' Frar 2018; Seduta tal-15 ta' Frar 2018.

infurmata meta jinhargu c-*charges* kontra persuna. Spjega wkoll li il-Ispettur Gafa`, *in charge* mill-Victim Support Unit, ghandha access ghar-rapporti kollha. Mistoqsi hemmx sistema li jekk tkun ghaddejja kumpilazzjoni fil-konfront ta' xi hadd, u jsiru diversi rapporti ohra kontra dik il-persuna, qal li hemm ir-rapporti kollha fuq is-sistema u sta ghall-ispettur li jivverifika.

Hu xehed ulterjorment u esebixxa zewg cirkolarijiet Dok DT1 u Dok DT2 dwar kif ghandha tagixxi l-Pulizija f'kazijiet ta' vjolenza domestika.

Spjega li s-sistema attwali hi fejn ikun hemm ordnijiet ta' protezzjoni li johorgu minn kawzi individwali ta' Spettur, jghaddi messagg lis-*sections* kollha tal-korp biex kulhadd ikun jaf, b'hekk ikun jafu li hemm ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-individwu. Ivverifika wkoll fejn jidhlu s-seduti, izda s-seduti tal-Familja quddiem il-Magistrat Vella u s-seduti distrettwali, ma jghaddix dan il-messagg. Dwar il-*bail* qal, li tkun informata l-Ghassa kkoncernata fejn il-persuna jmur jiffirma u mhux l-Ghases kollha. U l-istess f'ordnijiet ta' protezzjoni, l-Ghases l-ohra ma jkunux jafu. Ghalhekk, f'kazijiet bhal dawn fejn m'hemmx il-messagg awtomatiku, trid tmur il-vittma biex tinforma dwar il-'Protection order'. Mistoqsi x'inhi l-procedura malli l-Pulizija jigu infurmati li hemm rapport ta' allegat ksur ta' 'Protection order', jinvestigaw, billi jaraw li ghandhom id-dokumentazzjoni necessarja u jaraw li verament inharget il-*Protection order*, jaraw li ghamel ir-rapport, ikellmu lill-vittma u lill-persuna li kontriha tohrog l-Ordni tal-

protezzjoni, u sussegwentement jinhargu c-*charges* dejjem wara l-investigazzjoni, u jekk jinhargux *charges*, dik hi fid-diskrezzjoni tal-ufficjal investigattiv. Ikkjarifika li mhux ghax tinkiser ordni ta' 'bail', awtomatikament il-persuna jitressaq mill-Ispettur, dik hi fid-diskrezzjoni tal-Ispettur investigattiv.

**L-Ispettur Silvana Gafa`**, Spettur fil-*Victim Support Unit* fi hdan il-Pulizija, xehdet (fol 695-699)[6] u qalet li ilha f'din il-kariga minn Jannar 2017. Qalet li maghha hemm tlieta min-nies jahdmu. Spjegat li dan il-*unit* gie mahluq biex joffri ghajnuna, informazzjoni u support emozzjonali lill-vittmi li jkunu ghaddew minn reat, u dan il-*Unit* ikopri r-reati kollha. Mistoqsija hix f'pozizzjoni tixhed x'inhi s-sitwazzjoni f'kaz ta' ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni, wiegbet li le, huma ma jidhlux f'dik il-kwistjoni, u f'kaz li hi tircievi ilment mill-vittma li tkun giet vessata u nghatat fastidju, hi tirreferi lill-Ispettur li jkun qed jiehu hsieb il-kaz. Qalet li m'hemmx sistema ta' 'flagging' fis-sistema taghhom, jekk ikun hemm xi ksur ta' 'Ordni ta' protezzjoni.' Dwar il-kaz in ezami ta' 'X' qalet, li fil-fatt kienet kellmitha, fejn kienet infurmatha li ghaddejja minn fastidju kontinwu mill-eks ragel taghha, dan effetwa lill-familja kollha u anke sar kuntatt mal-*counsellor*. 'X' kienet qaltilha li tixtieq tkellem lill-Ispettur taghha John Spiteri, fejn hi kkuntatjatu, izda mbaghad minn dakinhar ma rcevietx aktar 'feedback' dwar il-kaz. Mistoqsija jekk ghandhomx sistema ta' 'automatic follow-up' qalet li hemm kazijiet li jkomplu jiffolowjahom, izda f'dan il-kaz in ezami ma kienx kaz ta' 'follow-up' aktar min-naha taghhom, izda kien kaz li kellha tittiehed azzjoni min-naha tal-Pulizija.

---

[6] Seduta tal-1 ta' Frar 2018.

**'X'** xehdet permezz ta' affidavit (fol 672-68) qalet li hi u 'Y' ltaqghu f'Dicembru 1999 ghamlu hames snin gharajjes, u hu mill-bidu tar-relazzjoni kellu problemi tal-loghob tal-azzard u d-dejn, hi kienet tithassru, u hu sussegwentement kien issir aggressiva u jerfa' jdejh fuqha. Spjegat li meta kellhom it-tfal, 'Y'beda jaggrava aktar u hi kienet cemplet bit-telefon lill-Appogg. Qalet li f'Settembru 2010 meta qalet lil 'Y'li trid tissepara, kienet telqet mid-dar, marret ghand ommha u in segwitu hu mar hemm, jhedded li ha jtemm hajtu. Qalet li maz-zmien, hu kompla jkun aggressiv, sawwataha anke quddiem it-tfal. Difatti wara parir mill-avukat tagha f'Ottubru 2014, hi fethet proceduri ghas-separazzjoni, izda hu baqa' jsegwiha u jiffittaha kullimkien, il-Qorti kienet ghalqet il-process ta' medjazzjoni u awtorizzat li jinfetah il-kaz ta' separazzjoni.

Minhabba l-agir tieghu li baqa' jsegwiha kullimkien, hi fethet il-kaz ghas-separazzjoni f'Jannar 2015. Semmiet li l-attegjament ta' 'Y'baqa' jmur ghall-aghar, l-Ispettur Johann Fenech kien sahansitra qalilha biex tibqa' d-dar u ma tohrogx minhabba l-attegjament ta' 'Y'.

In segwitu, fis-16 ta' Frar 2015 kienu dehru l-Qorti ghall-ewwel darba quddiem il-Magistrat Vella fuq l-ewwel incident li kien sar fil-21 ta' Ottubru 2014, u dakinhar il-Qorti kienet harget Ordni ta' Protezzjoni favur taghha. Semmiet li erbat ijiem wara li nharget din l-Ordni ta' Protezzjoni gie biex jigbor lit-tifel u beda jghajjat, u beda jtiha daqqiet, u sussegwentement kienu gharrfuha l-Pulizija

li arrestawh, u kellhom seduta quddiem il-Magistrat Claire Zammit Stafrace fit-2 ta' Marzu 2015, u fis-17 ta' Marzu 2015, il-Magistrat tat lil 'Y' 'il-bail' bil-kundizzjoni li ma jersaqx lejhom u li jigi segwit mis-*social worker* Reuben Vella. Sussegwentement wara li nghata l-helsien mill-arrest, qalet li komplew jigru diversi incidenti, anke fejn kienu involuti t-tfal, it-tfal kien beda jarahom il-*counsellor*, u l-aghar incident li gara l-Qorti kien fit-8 ta' Lulju 2015, fejn kien imbotta avukata, u fl-awla beda jikkonfronta lill-Pulizija. L-ghada kien tressaq quddiem il-Magistrat Natasha Galea Sciberras fuq ksur ta' *bail* u nghata multa ta' €700.

Ziedet tghid, li fit-8 ta' Settembru 2015 'Y' gie jhabbat il-bieb bl-iskuza biex jara t-tfal, fejn kien ghadu qed jara t-tfal taht is-supervizjoni tal-Appogg, u ftit tal-hin wara gie infurmat li l-Ispettur kien ha xi passi kontrih fuq ksur ta' 'bail' u telghet il-Qorti quddiem l-istess Magistrat 'X' Zammit Stafrace, fejn intalbu rapport tal-Psikjatra, u kien instab hati izda sussegwentement laqghet it-talba tieghu u rega' nghata l-helsien mill-arrest.

Spjegat li wara li rega' nghata l-helsien mill-arrest, komplew jigru sensiela ta' incidenti. Spjegat fid-dettal ukoll, li wara dawn is-serje ta' incidenti u episodji, ghamlet appuntament mal-Vice Squad fid-29 ta' Mejju 2016 mal-Ispettur John Spiteri, u ftit wara li kellmet lill-Ispettur kienu arrestaw lil 'Y' u haduh l-isptar Monte Carmeli, u l-Ispettur kien susegwentement infurmaha li kien mexxa kontra 'Y' fuq l-incidenti kollha li graw minn Marzu 2016 sa Gunju

2016, u li l-kawza giet quddiem il-Magistrat Vella. 'Y' kien ghamel xi xhur il-habs, tqabbad il-Psikjatra Dr David Mamo u l-*Probation Officer* li ghamel rapport twil.

Izda, wara li 'Y' rega' ha l-helsien mill-arrest regghu bdew sensiela ta' telefonati u incidenti, f' Mejju 2017 'Y' Cempillha fuq il-*mobile*, imbaghad beda jcempel xi drabi d-dar ta' ommha, u hi kienet tinforma lill-Pulizija li ghandha Ordni ta' Protezzjoni zewg 'bail conditions' u li hemm il-Vice Squad involuti wkoll. In segwitu semmiet sensiela ta' cirkostanzi, *sms's* li ntbaghtu minn 'Y', f'Lulju 2017 rega' cempel id-dar ta' ommha, fl-20 ta' Lulju 2017 sabet is-serratura tad-dar mkissra u mibdula, fit-2 ta' Awwissu rat il-karozza ta' 'Y' quddiem id-dar taghha f'Wied il-Ghajn, u cemplet il-Vice Squad u qalulha taghmel rapport l-Ghassa. Kompliet tghid li fit-13 ta' Awwissu 2017, rega' gie 'Y' quddiem il-bieb jghajjat lit-tfal, jghidilhom li ghandu rigali biex imorru mieghu, fejn infurmat anke lill-*councilor* tat-tfal u fit-28 ta' Awwissu pprezentat dan il-kaz. In segwitu, f'Settembru 2017, ommha ratu fit-triq taghha fiz-Zejtun, u fl-24 ta' Dicembru 2017, it-tifel Jake, kien barra bil-kelb u ftit wara gie jigri b'nifsu maqtugh u meta staqsietu x'gara qal li missieru 'Y' kien beda jghajjatlu. Qalet li hi ma tiflahx aktar f'din is-sitwazzjoni, fejn taghmel x'taghmel 'Y' ma jieqafx isegwiha u jaghmel ta' rasu.

**In kontro-ezami** qalet (fol 708-711)[7] li l-problemi msemmija fl-affidavit taghha ma' 'Y' kienu bdew mill-bidu tal-konoxxenza taghhom, u mill-ewwel separazzjoni ta'

[7] Seduta tat-13 ta' Marzu 2018.

bejniethom. Mistoqsija x’qed tippretendi li jaghmlu l-Awtoritajiet, u l-Pulizija aktar milli ghamlu qalet, li ghax minkejja l-proceduri li ttiehdu, il-passi li ttiehdu ma kinux bizzejjed ghax hi baqghet fl-istess sitwazzjoni. Ghar-rigward tal-fatt li gie arrestat jumejn u johrog qalet li dik ma taghmilx differenza anzi aktar taggrava s-sitwazzjoni. Sostniet li ma qablitx mal-Qorti li nghata l-helsien mill-arrest. Wiegbet ukoll li l-Ordni tal-Protezzjoni ghaliha qieghda mhux ghat-tfal. Mistoqsija jekk hafna mir-rapporti kontra ‘Y’ kinux jikkoncernaw lit-tfal, biex hu jara t-tfal, qalet li iva imma kemm okkazjoni fejn hi kienet wehedha u ma kienx hemm it-tfal maghha. Hi kkjarifikat li l-Pulizija m’ghamlitx bizzejjed fis-sitwazzjoni taghha, mhux m’ghamlet xejn. Hi spjegat li trid tghix hajjitha normali, mhux thares lura biex tara hijiex tigi segwita l-hin kollu. Ikkonfermat li darba kellmuha l-Pulizija biex ma tkellimx lil ‘Y’, izda meta kellmitu kien b’rabja.

## ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI

**Nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju - Procedura ta' Sfida lill-Kummiassarju tal-Pulizija (Art 541 tal-Kodici Kriminali - Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).**

L-intimati eccipew li l-procedura disponibbli skont **l-Artikolu 541** tal-Kodici Kriminali joffri rimedju effettiv ghal-lanjanzi tar-rikorrenti. Issottomettew li jekk ir-rikorrenti verament jidhrilha li giet aggravata bil-fatt li l-pulizija ma haditx il-passi kontra l-persuna rrapportata (‘Y’), hija tista’ dejjem taghmel uzu mill-procedura ta’ sfida (*challenge*) kif

jikkontempla l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali. Skont l-intimati dan huwa rimedju ordinarju effettiv intiz proprju sabiex il-Qorti tal-Magisfrati taghti ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija jiehu l-passi kontra l-persuna rapportata jew kwerelata jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu l-elementi *prima facie* ta' reat.

Illi r-rikorrenti rribattiet li l-ilmenti taghha jmorru oltre minn semplici sitwazzjoni fejn il-pulizija naqset milli tiehu azzjoni, izda li ma kienx hemm serjeta' misthoqqa ghall-kaz tal-esponenti min-naħa tal-pulizija; u ghaldaqstant baqghet tigi soggetta ghal atti ta' vjolenza domestika kontwinwa tant illi qieghed jaffettwa l-kwalità tal-hajja taghha kif ukoll tal-familja taghha. Tfakkar li kienet inharget ordni ta' protezzjoni kif ukoll garanziji personali apparti l-fatt illi fil-kundizzjonijiet tal-helisien mill-arrest kien indikat b'mod car illi 'Y' ma seghtex javvicina lil-esponenti. Minkejja dawn l-ordnijiet zewgha baqa' jikser dawk l-ordnijiet. Hi tissommetti li jinkombi fuq il-pulizija li jmexxu riferibbilment ghal dawn il-vjolazzjonijiet.

Ikkonsidrat li hu pacifiku li l-akkoljiment *o meno* ta' "eccezzjoni" ibbazata fuq dan il-*proviso* jew addirittura l-applikazzjoni *ex officio* tal-*proviso* hu fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti. Din id-diskrezzjoni ghandha tigi uzata bi prudenza biex, min-naha l-wahda l-Prim' Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u min-naha l-ohra, c-citaddin (*vittma)* ma jigix ipprivat mir-rimedji

li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap.319.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall kaz fl-ismijiet **Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**[8], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006, fejn il-kriterji ghall-applikazzjoni ta' din id-diskrezzjoni huma ben dokumentati.

Madanakollu bhala principju gie ribadit fil-kaz "**Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" (Q.K. – 5 ta' April 1991) jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi Kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u tassattivament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha hafna dwar l-ezercizzju *o meno* tal-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha. Ovvjament, tali diskrezzjoni

Bazikament, jekk ir-rikorrent f'kawza bhal din, jinghata rimedju xieraq u effettiv taht il-ligi ordinarja, u ma jifdallux interess li jipprosegwi quddiem din il-Qorti ma jibqax iktar meqjus bhala "*vittma" ai termini* tat-tfittxija ta' rimedji kostituzzjonali ghal-lezjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu.

Illi fit-termini tal-**artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta** "*Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni*

[8] Rik. Kost. Nru. 22/05/JRM

*kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li prima facie hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk".*

Illi din il-Qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrenti li l-procedura tal-isfida lill-Kummissarju tal-Pulizija ma tofrix rimedju xieraq u effettiv ghal-lanjanzi taghha. Bil-kawza odjerna, hi qed tilmenta essenzjalment li l-Istat naqas mill-obbligi pozittivi tieghu, li huma impliciti fl-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni, kif ukoll, per estensjoni, fl-artikoli korrispondenti tal-Kostituzzjoni.

Il-Qrati taghna huma ggwidati bit-taghlim u bl-evoluzzjoni tal-hsieb dwar l-obligazzjonijiet pozittivi ta' kull Stat *ormai* assodati fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Q.E.D.B). Essenzjalment il-jeddijiet imfissra fil-Konvenzjoni mhux biss jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligazzjoni (negattiva) li ma jindahlux fit-tgawdija tad-drittijiet fondamentali, imma l-istess Konvenzjoni timponi obbligazzjoni (pozittiva) fuqhom li jiehdu dawk il-mizuri preventivi u investigattivi kollha biex jassiguraw qafas legali mahsub biex:

1) jipprotegu lill-vittmi ta' vjolenza domestika; kif ukoll

2) biex jinvestigaw; u
3) jipprocedu tempestivament kontra min qieghed jabbuza.

**Altrimenti d-dritt sancit, fl-essenza tieghu, jibqa' perikolat u jinholoq stat ta' impunita' li jwassal ghar-ripetizzjoni tal-vjolenza.**

Dan l-istess hsieb ghandu japplika ghad-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jharsu d-drittijiet tal-Bniedem altrimenti l-qafas ta' protezzjoni, dinjita` u sigurta' li huma l-mira ta' dawk l-artikoli, jistghu jisfaxxjaw fix-xejn.

Ikkonsidrat li l-procedura tal-isfida tista' twassal biss sabiex eventwalment jinbdew proceduri kriminali kontra 'Y' imma ma jindirizzawx l-allegat mankanza fis-sistemi u fl-istrutturi vigenti li huma l-qofol tal-ilmenti tar-rikorrenti. Anzi hi tghid li ma hadmux fil-kaz taghha tant li qed tigi ri-vittimizzata minhabba nuqqasijiet sistemici.

Anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, r-rikorrenti tigi riferuta minn din il-Qorti ghall-procedura imsemmija, u ssir b'success, ir-rizultat mhuwiex ser jinbidel. Kif irribattiet, zewgha baqa' jippersegwitaha minkejja kundanni, ordnijiet ta' protezzjoni, garanziji personali, u ksur ta' kondizzjonijiet ta' helsien mill-arrest. L-ennezima prosekuzzjoni fuq akkuza wara akkuza mhix ser tindirizza n-nuqqasijiet li huma mehtiega biex ikollha s-serhan tal-mohh u l-integrita' fizika u psikologika, ghaliha u ghall-membri tal-famiilja taghha, li huma parti integrali mill-personalita' shiha taghha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi biex tichad l-eccezzjoni sollevata billi mhix tal-fehma li l-procedura tal-isfida toffri rimedju effettiv ghall-ilmenti tar-rikorrenti.**

**<u>L-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni</u>**

Illi l-esponenti jeccepixxu li l-**Artikolu 32** mhuwiex applikabbli billi dan l-artikolu huwa biss introduzzjoni ghal-lista ta' Drittijiet Umani u ma jistax jigi nvokat bil-mod kif ghamel ir-rikorrenti. Dan jidher car mill-Kostituzzjoni nfisha billi fl-Artikolu 46(1), l-Artikolu 32 huwa eskluz u huma msemmija biss l-Artikoli 33 sa 45.

Ir-rikorrenti ma ttrattatx dan il-punt

Illi din il-Qorti issib li din l-eccezzjoni hija gustifikata. L-**artikolu 32** huwa sempliċiment daħla għal-lista ta' Drittijiet Umani, kif elenkati fil-Kostituzzjoni u ghalhekk ma jistax jigi invokat kif qed jittentaw jaghmlu r-rikorrenti. **Il-Kostituzzjoni** stess fl-**Artikolu 46(1)** teskludi l-artikolu 32 meta tipprovdi ghall-possibilita` ta' allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali a tenur biss tal-artikoli 33 sa 45 u kwindi l-artikolu 32 hu eskluz. Difatti fil-kawza bl-ismijiet "**Ghasan Kaseb et pro et noe vs Il-Prim Ministru et" (**PA 13 ta' Gunju, 2011), gie ribadit li *"l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta' kull persuna li tallega l-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonjiet ta' l-artikoli 33 sa 45*

*tal-Kostituzzjoni li tiltob rimedju lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Izda l-Artikou 32 mhux inkluz f'dawk imsemmija fl-artikolu 46. L-imsemmi artikolu 32 huwa biss introduzzjoni ghad-drittijiet fundamentali (bhal fil-kaz ta' l-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni), u ghalhekk bhala tali ma jistax jigi invokat."*

**Kwindi t-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni timmerita li tiġi miċħuda.**

**<u>Mertu</u>**

Il-Qorti ser tittratta t-talbiet rispettivi b'referenza ghall-eccezzjonijiet sollevati.

**<u>Allegat Ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.</u>**

Ikkonsidrat li l-jedd sancit bl-artikolu 3 (u dan japplika wkoll ghall-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) huwa wiehed mid-drittijiet l-aktar fondamentali protetti mill-Konvenzjoni flimkien mad-dritt ghall-hajja. Id-dritt huwa wiehed assolut u jimponi wkoll obbligazzjonijiet pozittivi fuq l-Istat li jipprevjeni li dan isir u li jinvestiga minghajr dewmien kull kaz fejn dan isehh, u jmexxi prosekuzzjoni effettiva u indipendenti.

Illi **l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi li :

"*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. ......"*

Skont l-**Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea:** "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

Il-Qorti ser tqies dan l-ilment fil-qafas taz-zewg artikoli citati flimkien.

Biex jinsab li jkun hemm trattament inuman jeħtieġ li jkun hemm "*severe suffering*" kif ukoll ghandu jirrizulta li kien hemm "*a minimum level of severity*." Dan l-eżami huwa wieħed relattiv u jiddependi ovvjament miċ-ċirkustanzi kollha partikolari tal-kaz.

Hekk fil-kaz **Kudla v Poland** [9] il-Qorti Ewropea rriteniet :

*"1. However, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the nature and context of the treatment, the manner and method of its execution, its duration, its physical or mental effects and, in some instances, the sex, age and state of health of the victim (see, for example, the* ***Raninen v. Finland*** *judgment of 16 December 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-VIII, pp. 2821-22, § 55)..... . It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of*

[9] Deciz fis-26 ta' Ottubru 2000 (App. Nru. 30210/96)

*fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them."*

Il-Qorti Ewropea, fil-kaz **ADEN AHMED v. MALTA**[10] *(App. no. 55352/12)* fissret il-protezzjoni akkordata bl-artikolu 3 fis-segwenti termini:

"2. *The Court reiterates that according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. <u>Furthermore, in considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3.</u> However, the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see Riad and Idiab v. Belgium, nos. 29787/03 and 29810/03, §§ 95-96, 24 January 2008)."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan l-element ta' gravita` jinsab ribadit ukoll mill-awturi Jacobs & White, fil-ktieb "**European Convention on Human Rights**" (3rd Edit. pag. 65) meta jghidu:

[10] Deciza fid-9 ta' Dicembru 2013

"*The defining feature of degrading treatment is the element of humiliation or debasement; the threshold of severity would appear to require that the humiliation is gross"*

Il-htiega li din l-umiljazzjoni tkun wahda gravi giet ennuncjata wkoll mill-Qrati taghna, partikolarment fil-kawza "**Galea vs Segretarju tad-Djar**", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 1977; f'din il-kawza ntqal ukoll li trattament degredanti jehtieg ukoll li jwassal ghal vjolazzjoni serja ghad-dinjita` tal-bniedem. Dawn il-principji ta' intensita' jew severita` gew ribaditi mill-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija"**, minnha deciza fl-20 ta' Frar, 1979.

Ghalhekk sabiex jista' jinghad li hemm ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, jehtieg li r-rikorrent jipprova li t-trattament qabez *the minimum level of severity* kkontemplat mill-Konvenzjoni.

**<u>Obligazzjonijiet Pozittivi fil-Kuntest ta' Vjolenza Domestika</u>**

Illi huwa assodat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg li dan l-artikolu, kif ukoll l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, jimponi fuq l-Istat u fuq l-agenziji tieghu obbligazzjonijet pozittivi kif gja ribadit *ante.*

Dawn huma mibnija fuq erba' pilastri - prevenzjoni, protezzjoni, u prosekuzzjoni u fil-qasam ta' vjolenza domestika, li jkun hemm qafas legali u amministrattiva li

jhares lill-vittma ta' vjolenza domestika - a "*victim centred approach".* Jigi puntwalizzat li n-nuqqas tal-awtoritajiet tal-Istat li jinvestigaw u jipprocedu kontra min hu responsabbli tal-ksur tal-ligi iwassal ghall-stat ta' impunita' li jippremja min ikun qed jabbuza u jaghtih il-licenzja li jkompli jikser il-ligi.

Hekk ad ezempju, fil-kaz ta' **Assenov and Others**[11] gie ritenut, li l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni:**

"*requires by implication that there should be an effective official investigation. This investigation, as with that under Article 2, should be capable of leading to the identification and punishment of those responsible (see, in relation to Article 2 of the Convention, the* ***McCann and Others v. the United Kingdom*** *judgment of 27 September 1995, Series A no. 324, p. 49, § 161, the* ***Kaya v. Turkey*** *judgment of 19 February 1998, Reports 1998-I, p. 324, § 86, and the* ***Yaşa v. Turkey*** *judgment of 2 September 1998, Reports 1998-VI, p. 2438, § 98). If this were not the case, the general legal prohibition of torture and inhuman and degrading treatment and punishment, despite its fundamental importance (see paragraph 93 above), would be ineffective in practice and it would be possible in some cases for agents of the State to abuse the rights of those within their control with virtual impunity."*

[11] Q.E.B.D. - 28 ta' Ottubru 1998 App. Nru. 90/1997/873/1086.

Illi fis-sentenzi l-aktar recenti, l-Qorti Ewropea taghmel referenza ghall-**Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika** (**Il-Konvenzjoni Istanbul**) li Malta rratifikat fit-29 ta Lulju 2014 bhala sors ta' interpretazzjoni tal-artikoli rilevanti tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan huwa rilevanti fil-kuntest tal-kaz in ezami billi din il-Qorti tqis li l-obbligazzjonijiet tal-Istat ghandhom jitkejlu b'referenza ghal din il-Konvenzjoni li torbot wkoll lill-Malta.

Ta' rilevanza huwa l**-artikolu 3 ta' din il-Konvenzjoni Istanbul** li jiddisponi:

*" "vjolenza fuq in-nisa" hija mifhuma bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u għandha tfisser kull att ta' vjolenza abbażi tas-sess li tirriżulta, jew li aktarx tirriżulta fi ħsara fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika jew tbatija għan-nisa, inkluż theddid ta' atti bħal dawn, sfurzar jew ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk issir fil-pubbliku kif ukoll fil-ħajja privata"*

Inoltre minn ezami tal-kazistika tal-Qorti Ewropea, jirrizulta li l-vjolenza kontra n-nisa giet rikonoxxuta bhala *gender based violence* billi huwa accettat li fil-maggoranza tal-kazijiet, tkun imwettqa kontra n-nisa. Ghaldaqstant nisa, vittmi ta' vjolenza, huma meqjusa li huma 'persuni vulnerabbli' fil-kazistika ta' dik il-Qorti supranazzjonali, meta l-Qorti tasal biex taghmel l-accertamenti taghha dwar in-nuqqasijiet tal-Istat.

Illi fil-kaz **Opuz v Turkey**[12] (Q.E.D.B deciz fid-9 ta' Settembru 2009, gie ribadit il-principju li l-Istat jista' jinzamm responsabbli ghat-trattament inuman u degradanti inflitt minn persuni privati:

*"3. As regards the question whether the State could be held responsible, under Article 3, for the ill-treatment inflicted on persons by non-state actors, the Court reiterates that the obligation on the High Contracting Parties under Article 1 of the Convention to secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in the Convention, taken together with Article 3, requires States to take measures designed to ensure that individuals within their jurisdiction are not subjected to torture or inhuman or degrading treatment or punishment, including such ill-treatment administered by private individuals (see, mutatis mutandis, H.L.R. v. France, 29 April 1997, § 40, Reports 1997-III). Children and other vulnerable individuals, in particular, are entitled to State protection, in the form of effective deterrence, against such serious breaches of personal integrity (see A. v. the United Kingdom, 23 September 1998, § 22, Reports 1998-VI)."*

Din il-kawza kkoncernat atti ta' vjolazzjoni ikkonsidrati fil-kuntest ta' lezjoni tal-**artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni** (dritt ghall-hajja). Il-Qorti kompliet:

[12] App. Nru. 33401/02.

*"4. The Court considers that the applicant may be considered to fall within the group of "vulnerable individuals" entitled to State protection (see A. v. the United Kingdom, cited above, § 22). In this connection, it notes the violence suffered by the applicant in the past, the threats issued by H.O. following his release from prison and her fear of further violence as well as her social background, namely the vulnerable situation of women in south-east Turkey.*

*5. The Court observes also that the violence suffered by the applicant, in the form of physical injuries and psychological pressure, were sufficiently serious to amount to ill-treatment within the meaning of Article 3 of the Convention.*

*6. Therefore, the Court must next determine whether the national authorities have taken all reasonable measures to prevent the recurrence of violent attacks against the applicant's physical integrity."*

Illi fil-kaz aktar recenti ta' **Talpis v Italy**[13] **(**Q.E.D.B. deciz. fit-18 ta' Settembru 2017), il-Qorti Ewropea bdiet biex tenuncja l-principji generali applikabbli ghall-kazijiet ta' ksur tal-artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni:

*" 7. The Court has already stated that, in interpreting Articles 2 and 3, it must be guided by the knowledge that the object and purpose of the Convention as an instrument*

[13] App.Nru. 41237/14

*for the protection of individual human beings requires that its provisions be interpreted and applied so as to make its safeguards practical and effective.*

*8. It reiterates that Article 3, like Article 2, must be regarded as one of the most fundamental provisions of the Convention and as enshrining one of the core values of the democratic societies making up the Council of Europe (see Soering v. the United Kingdom, 7 July 1989, § 88, Series A no. 161). In contrast to the other provisions in the Convention, it is cast in absolute terms, without exception or proviso, or the possibility of derogation under Article 15 of the Convention (see Pretty v. the United Kingdom, no. 2346/02, § 49, ECHR 2002-III)"*

Ukoll trattat l-obbligazzjonijiet pozittivi tal-Istat f'dan il-kuntest:

*"9. The Court has also previously held that the authorities' positive obligations – in some cases under Articles 2 or 3 and in other instances under Article 8 taken alone or in combination with Article 3 of the Convention – may include a duty to put in place and apply an adequate legal framework affording protection against acts of violence by private individuals (see, among other authorities, Bevacqua and S. v. Bulgaria, no. 71127/01, § 65, 12 June 2008; Sandra Janković v. Croatia, no. 38478/05, § 45, 5 March 2009; A. v. Croatia, no. 55164/08, § 60, 14 October 2010; Đorđević v. Croatia, no. 41526/10, §§ 141-143,*

*ECHR 2012; and M. and M. v. Croatia, no. 10161/13, § 136, ECHR 2015 (extracts)."*

Rilevanti dak li tenuncja fis-segwenti paragrafi tas-sentenza:

*"10. The Court again emphasises that special diligence is required in dealing with domestic violence cases and considers that the specific nature of domestic violence as recognised in the Preamble to the Istanbul Convention (see paragraph 58 above) must be taken into account in the context of domestic proceedings.*

*It stresses in this regard that the* ***Istanbul Convention*** *imposes a duty on the States Parties to take the necessary legislative or other measures to ensure that investigations and judicial proceedings in relation to all forms of violence covered by the scope of this Convention are carried out without undue delay while taking into consideration the rights of the victim during all stages of the criminal proceedings.*

*11. In that connection the Court also considers that, in judicial cases involving disputes relating to violence against women, the national authorities have a duty to examine the victim's situation of extreme psychological, physical and material insecurity and vulnerability and, with the utmost expedition, to assess the situation accordingly. In the instant case there is no explanation for the authorities' complacency for such a long period – seven months –*

*before the instigation of criminal proceedings. Likewise, there is no explanation for why the criminal proceedings for grievous bodily harm, instituted after the applicant had lodged her complaint, lasted three years, ending on 1 October 2015."(*sottolinear ta' din il-Qorti).

Kaz iehor ta' rilevanza huwa dak fl-ismijiet **HAJDUOVA v. SLOVAKIA**[14] (Q.E.D.B. 30 ta' Novembru 2010). Dan il-kaz kien jittratta ilment taht l**-artikolu 8 tal-Konvenzjoni** u ghalhekk ser jigi kkonsidrat ukoll iktar ‘il quddiem. Madanakollu huwa rilevanti anke f'dan l-istadju billi gie rikonoxxut id-dmir tal-Istat li jiehu mizuri preventivi ragjonevoli anke fejn it-theddid, f'kaz ta' vjolenza domestika, ma kienx ghadu ssarraf f'atti konkreti ta' vjolenza fizika. Testwalment:

*"12. The Court observes that the instant application is distinguishable from the cases to which it has referred concerning domestic violence resulting in death (see, in particular, the Court's judgments in the cases of* ***Kontrová v. Slovakia****, no. 7510/04, ECHR 2007-VI (extracts) and* ***Opuz*** *cited above, in which it found violations of Articles 2 and 13 and Articles 2, 3 and 14 of the Convention respectively). It is clear that A.'s repeated threats following his release from hospital, which constitute the basis of the applicant's complaint under Article 8 of the Convention, did not actually materialise into concrete acts of physical violence (compare and contrast the case of* ***Bevacqua****,*

[14] App.Nru. 2660/03.

*cited above, in which the Court found that the State had breached its positive obligations under Article 8). Notwithstanding, the Court considers that given A.'s history of physical abuse and menacing behaviour towards the applicant, any threats made by him would arouse in the applicant a well-founded fear that they might be carried out. This, in the Court's estimation, would be enough to affect her psychological integrity and well-being so as to give rise to an assessment as to compliance by the State with its positive obligations under Article 8 of the Convention.*

*13. The Court appreciates that the police did intervene on 21 January 2002 when A. was arrested and accused of a criminal offence. However, it cannot overlook the fact that it was the domestic authorities' inactivity and failure to ensure that A. was duly detained for psychiatric treatment which enabled him to continue to threaten the applicant and her lawyer. Moreover, it was only after the applicant and her lawyer had filed fresh criminal complaints against A. that the police had taken it upon themselves to intervene. In this connection, it recalls that the domestic authorities were under a duty to take reasonable preventive measures where they "knew or ought to have known at the time of the existence of a real and immediate risk" (see, mutatis mutandis, the Court's judgment in the case of* ***Osman v. the United Kingdom****, 28 October 1998, § 116, Reports 1998-VIII)."* (sottolinear ta' din il-qorti).

Illi dwar l-hekk imsejjah *Osman Test* huwa sinifikanti dak ritenut fil-kaz **VALIULIENĖ v. LITHUANIA**[15] mill-Imhallef Pinto de Albuquerque, fl-opinjoni konkordanti tieghu, fejn avvanza l-hsieb ta' revizjoni tat-test ta' Osman meta jigi applikat ghall-kazijiet ta' vjolenza domestika :

*"One of the most problematic aspects of the State's positive obligation is the definition of the exact ambit of its duty to prevent and protect. The Court has developed the so-called Osman test, which normally assesses if the authorities knew, or ought to have known at the time, of the existence of real and immediate risk to the life of an identified individual or individuals from the criminal acts of a third party and they failed to take measures within the scope of their powers which, judged reasonably, might have been expected to avoid that risk. Put simply, the State answers for the wrongful conduct of non-State actors when their conduct was foreseeable and avoidable by the exercise of State powers."*

Jghid li dan it-test mhuwiex realistiku fil-kuntest ta' dawn it-tipi ta' kazi ghaliex f'hafna drabi ikun gja tard wisq biex l-Istat jintervjeni.

Jghid:

*"Thus, the emerging due diligence standard in domestic violence cases is stricter than the classical Osman test, in*

[15] Q.E.B.D. 26 ta' Marzu 2013 (App.Nru. 33234/07).

*as much as the duty to act arises for public authorities when the risk is already present, although not imminent. 21 If a State knows or ought to know that a segment of its population, such as women, is subject to repeated violence and fails to prevent harm from befalling the members of that group of people when they face a present (but not yet imminent) risk, the State can be found responsible by omission for the resulting human rights violations. The constructive anticipated duty to prevent and protect is the reverse side of the context of widespread abuse and violence already known to the State authorities."*

Jghid ukoll li*: "domestic violence has emerged as an autonomous human rights violation consisting in the commission of physical, sexual or psychological harm, or the threat or attempt thereof, in private or public life, by an intimate partner, an ex-partner, a member of the household, or an ex-member of the household.... Domestic violence is basically violence against women.. Hence, the full 'effet utile' of the European Convention on Human Rights (the Convention) can only be achieved with a gender-sensitive interpretation and application of its provisions which takes in account the factual inequalities between women and men and the way they impact on women's lives. In that light, it is self-evident that the very act of domestic violence has an inherent humiliating and debasing character for the victim, which is exactly what the offender aims at. Physical pain is but one of the intended effects. A kick, a slap or a spit is also aimed at belittling the dignity of the partner, conveying a message of*

*humiliation and degradation. It is precisely this intrinsic element of humiliation that attracts the applicability of Article 3 of the Convention."* Jaccenna wkoll ghall fatt lli fil-kaz ta' **Hajduova** fuq citat *"The claim that domestic authorities should exercise an "even greater degree of vigilance" in view of the "vulnerability of victims of domestic violence", made in* ***Hajduova,*** *cited above, § 50, corresponds in substance to this stricter standard."*

Illi is-sitwazzjoni f'Malta ma tipparagunax ma' dik fil-Litwanja izda dan il-hsieb jista' japplika *mutatis mutandis* fic-cirkostanzi ta' pajjizna fis-sens li : .

**1) Kazijiet ta' vjolenza domestika jimmeritaw konsiderazzjoni specjali (*an autonomous human rights violation)* fejn il-Qorti thares ukoll lejn l-obbligazzjonijiet internazzjonali rizultanti mill-Konvenzjoni Istanbul;**
**2) Li l-obbligazzjonijet tal-Istat ghandhom jiskattaw qabel ma jaslu fl-istat ta' *an imminent risk* jekk mic-cirkostanzi partikolari tal-vittma huwa evidenti li qeghdha f'riskju.**

**Applikazzjoni tal-principji enuncjati ghall-kaz in ezami.**

Illi r-rikorrenti ssottomettiet[16] :

*"35. L-esponenti hija tal-umli fehma illi hija giet anke soggetta ghal trattament inuman u degradanti, kif gie ben ippruvat mis-segwenti provi mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti:-*

[16] Nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

a. *L-esponenti fuq medda ta' tliet (3) snin ghamlet bosta rapporti. Nonostante li ftit mir-rapporti waslu ghall-arrest tal-aggressur 'Y' u anke re-arrest tieghu, huwa xorta wahda baqa' jippersegwita lill-vittma 'X' .*

b. *L-esponenti hija tal-umli fehma illi l-azzjoni li ttiehdet mill-pulizija u d-decizjonijiet tal-qrati ghall-helsien mill-arrest tal-aggressur ma kienux bizzejjed tant li hija, flimkien ma' uliedha u l-familjari taghha, komplew jigu soġġetti, u ghadha qed tigi soġġetta, ghal trattament inuman u degredanti.*

c. *Kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Johann Fenech, tal-Ispettur John Spiteri u tal-Assistant Kummissarju Denis Theuma, ghal kull rapport li jkun ghamel kwerelant jinhargu akkuzi appoziti, u dan minkejja l-fatt li r-rapporti jkunu ta' natura simili mill-istess kwerelanta fuq l-istess kwerelat. Ghalhekk l-esponenti kull darba kellha tistenna sabiex il-pulizija johorgu akkuzi (minkejja illi dan mhux dejjem sar) meta fil-fatt l-attegjament tal-aggressur taghha kien l-istess ghal dak li huwa diversament akkuzat bihom fuq rapporti li saru qabel."*

Illi din il-Qorti tqies li r-rikorrenti hija persuna vulnerabbli. Din il-Qorti ma tistax tikkommetti ruhha dwar l-intenzjoni, jew kolpevolezza ta' zewgha f'dawk il-kawzi li ghadhom *sub judice.* Issib li hu skoncernanti li r-rikorrenti marret ghand il-Pulizija b'pataflun ta' rapporti u li, minkejja l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni, garanziji u kondizzjonijiet ta' helsien mill-arrest imposti minn qrati diversi, zewgha kompla jikkuntattja lilha jew lil membri tal-familja taghha. Inoltre jirrizulta mill-apprezzament tal-provi fl-assjem taghhom, li kienet u ghadha tghix f'biza fejn ma tistax ticcaqlaq minghajr ma thares lura biex taccerta ruhha li ma ssibx lil zewgha zewg passi warajha.

Taqbel ma' dak sottomess mid-difensur tar-rikorrenti li mix-xhieda dettaljata tar-rikorrenti, kkorroborata minn dik tal-

Ispettur Sylvana Gafa, l-esponenti baghtiet psikologikament u ghadha qed issoffri l-konsegwenzi sal-gurnata prezenti. Dan jissoddisfa l-grad ta' gravita' rikjest mill-Konvenzjoni meta *si tratta* ta' kazijiet ta' vjolenza domestika fejn l-incidenti baqghu jizdiedu fin-numru taghhom.

Ir-rikorrenti ddettaljat l-incidenti ripetuti li ghaddiet minnhom. Hija tghid kif irrapurtat lil pulizija, izda thoss li dan kollu kien ghal xejn ghaliex ghadha qed tigi ippersegwitata. Hija tispjega ‘l biza li qanqal zewgha, kif spiccat kellha tiehu l-kalmanti biex tkampa u li dan kellu impatt serju fuq it-tfal taghhom, tant illi t-tfal ma riedux immorru l-iskola u qed jigu segwiti minn *councillors* (ara pagna 12 tal-affidavit).

Hija tispjega kif kulhadd kien qed jinkwieta ghas-sigurta’ taghha u kull fejn tmur kienet qed tigi akkumpanjata. Tiddeskrivi bosta okkazzjonijiet fejn is-segwiment kien kontinwu u anke kien hemm theddid serju fuq hajjitha.

Ikkonsidrat li f'Malta jezisti qafas legali effettiv intiz ghall-protezzjoni tal-vittma ta' vjolenza domestika. Tant li anke fil-kaz odjern, inhargu ordnijiet ta' protezzjoni, u kondizzjonijiet li kellhom izommu lil zewgha ‘il hinn miz-zona fejn tirrisjedi, jew tahdem, u anke garanziji imposti kontra zewgha. Proceduri f'kawzi ta' vjolenza domestika jittiehdu *ex officio.*

Inoltre jirrizulta li l-Pulizija investigaw u mexxew b'success diversi minn dawn ir-rapporti.

L-iktar inkwietanti, izda, huwa l-fatt li jirrizulta li minn meta inheles mill-arrest fit-3 ta' Ottubru 2016, il-Pulizija baqghu ma hadux passi fuq rapporti godda. Tant li r-rikorrenti tghid li kollox baqa' l-istess. Qalet li trid tghix hajjitha normali, mhux thares lura biex tara hijiex tigi segwita l-hin kollu.

Fattur iehor ta' thassib huwa l-fatt li zewgha kien rikoverat, anke fuq ammissjoni volontarja, fl-Isptar Mt Carmel diversi drabi fuq problemi naxxenti mir-relazzjonijiet interpersonali bejnu u martu. L-Ispettur Joseph Spiteri stess innota li hu kellu *pattern* - daqqa ikun kwiet ghal xi zmien u imbaghad jinbidel tant li hass li kellu jkellem lill-psikjatra dwaru.

Madanakollu minkejja li seta' kien hemm l-azzjoni mehtiega f'kazijiet individwali, almenu ghal dawk il-kawzi li gew segwiti bil-prosekuzzjoni apposita, kien hemm diversi rapporti fejn il-pulizija naqqsu milli jiehdu azzjoni.

Hawnhekk il-Qorti ravvizat li l-Pulizija li xehedu ma kienux sensitizzati bizzejjed ghall-kuntest tal-assjem tac-cirkostanzi li kienet qed tiffaccja r-rikorrenti u li setghu prevedibbilment ipooguha a riskju. Irrisulta li kull kaz jigi trattat individwalment, tant li Spettur f'distrett, u anke fil-*Vice Squad*, ma jkunx jaf x'qed jigri f'distrett iehor, jew ma jkunx ha konjizzjoni tal- evidenza jew informazzjoni rilevanti ghall-kaz iehor. Ad ezempju, l-isfond psikjatriku huwa rilevanti ghall-apprezzament tar-riskju koncernanti r-

rikorrenti, daqs kemm hu rilevanti l-fatt li zewgha baqa' jikser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'nonkuranza u b'manifestazzjon ta' sens ta' impunita.

L-Ispettur John Spiteri uza l-kelma "educated" fis-sens li l-azzjonijiet ta' zewgha kienu "mahsubin." Hawnhekk tapprezza d-diffikoltajiet tal-pulizija li ma jistghux imexxu kontra persuna li jzomm *within the letter of the law.* Taqbel mal-intimati li l-Ispetturi ghandhom diskrezzjoni jekk imexxux jew le.

Madanakollu ma hemmx dubbju li kellhom jagixxu tempestivament biex jassiguraw li zewgha, gjaladarba gie mahsub hati ghar-reati kontra martu ma jmurx hdejn ir-rikorrenti fir-residenza taghha, jkun fejn ikun, li ma jcempilx id-dar ta ommha ghal ebda raguni, u jirrestringu x-xibka tal-azzjoni tieghu, dejjem fejn tidhol l-enforzar effettiv tal-ordnijiet tal-Qrati gja mehuda, biex joffrulha l-akbar protezzjoni. Dan naqqsu li jaghmluh.

**Nuqqasijiet Sistemici**

Illi din il-Qorti tikkonsidra li hemm nuqqasijiet sistemici fil-proceduri tal-Pulizija fl-investigazzjoni tar-rapporti u kwereli maghmulin minn vittmi ta' vjolenza domestika, u anke ghall-prosekuzzjoni ta' dawn il-kawzi.

Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Istat ghaliex huwa evidentement l-Istat li jgharbel liem hu l-mekkanizmu l-

aktar efficjenti biex iwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu mhux biss taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem imma in ottemperanza tar-responsabbilitajiet assunti taht trattati u konvenzjonijiet internazzjonali bhal ma hi l-Konvenzjoni Istanbul. Inoltre huwa l-Istat li ghandu jara x'risorsi umani u ammiisrativi jista' jiddisponi minnhom.

Illi tissenjala dak li, fil-fehma taghha, jikkostitwixxu dawk in-nuqqasijiet l-iktar gravi li jikkostitwixxu mankanza fl-obbligu tal-Istat fit-trattament tal-kaz tar-rikorrenti bi ksur tal-obbligazzjonijiet pozittivi li jinkombu fuq l-Istat taht l-**artikolu 3 u l-artikolu 36 :**

1. Nuqqas ta' sistema centralizzata li tiddokumenta ordnijiet ta' protezzjoni sabiex il-piz tal-prova ma jinkombix fuq il-vittma li tipprovdi taghrif dwarhom. Hekk kif gie kkonfermat mill-**Ispettur Sylvana Gafa** li l-korp tal-Pulizija ma ghandha l-ebda sistema ta' *flagging* jekk vittma jkollha ordni ta' protezzjoni. Din l-informazzjoni ghandha tkun accessibbli f'kull ghassa ta' kull distrett.

2. Ma hemmx ufficcju centrali ghall-prosekuzzjoni ta' kazijiet ta' vjolenza domestika. Jezisti l-Victim Support Unit u anke l-Vice Squad, izda jirrizulta mill-assjem tal-provi li l-prosekuzzjoni ta' dawn il-kazijiet attwalment tinfirex mad-distretti separatament. Infatti rapporti dwar abbuzi simili isiru fl-ghassa ta' distrett partikolari, bir-rizultat li vittma ta' aggressjoni jista' ikollha rapporti ma' diversi ghases kontra l-istess persuna. Dawn jigu segwiti minn Spetturi differenti u l-kazijiet huma trattati separatament minkejja li l-vittma u

l-aggressur taghha huma l-istess. L-Ispetturi lanqas ikunu jafu jekk iddahhlux rapporti f'distretti ohra dwar l-istess persuni involuti.

Fix-xhieda tieghu**, l-Ispettur Johann Fenech** jghid *'jien as such niehu hsieb il-kawza tieghi, u f'kaz illi jekk ikun hemm breach ta' xi kondizzjonijiet tal-bail ta' kawza tieghi.'* Fl-istess xhieda, l-Ispettur jghid illi kif appena l-esponenti marret toqghod gewwa Marsascala huwa ma kienx jaf x'azzjoni kienet qed tittiehed *stante* illi dan ma kienx jaqa' taht d-distrett tieghu (ara paġna 3 tat-transkritt tax-xhieda tieghu datata 9 ta' Jannar 2018). L-Assistent Kummissarju Dennis Theuma jzid jghid illi m'hemm l-ebda sistema interna sabiex pulizija ohra jkunu jafu min qieghed imexxi kaz minn distrett jew skwadra ohra.

3. Tajjeb ukoll tissottemetti r-rikorrenti li ma jirrizultax li hemm xi *standard operating procedure* da parti tal-Pulizija biex jinvestigaw kazijiet ta' vjolenza domestika u ticcita mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju fejn qal: "*Kull persuna ghandha l-approach"* taghha. Huwa jzid jghid li "*Kull kaz ghalih u kull kaz irid jinghata l-importanza. Dik li nista' nghidlek zgur."* Meta rrinfaccjat b'kopja tal-linji gwida mahruga fl-2007, xehed *'suppost id-Distretti kollha jafu bihom dawn'* u li jenfassizaw fuqhom, u li kopja ta' dawn il-linji gwidi jinstabu gewwa '*folder'* gewwa l-ghassa izda jghid li ma jafx x'jigri fid-distretti.

**Illi l-htiega ta' linji gwida li ghandhom jigu segwiti skrupolozament u li jinkludu *risk assessment* hija *sine***

***qua non*** **f'kawzi bhal dan sabiex ikun hemm koordinament fl-azzjonijiet li jittiehdu mill-pulizija kemm fl-investigazzjoni kif ukoll fir-respons li jaghtu lill-vittmi ta' vjolenza.**

4. Irrizulta wkoll mill-provi prodotti illi rapporti ta' vjolenza domestika ma nghatawx l-ispedizzjoni u prijorità li kienu jimmeritaw meta proprju kien hemm klima ta' fastidju u stalking.

5. Gie senjalat mir-rikorrenti dak li xehed in kontro-ezami, **l-Ispettur John Spiteri** fejn jghid illi l-imgieba ta' 'Y', u cioe` l-fatt illi baqa' jghaddi minn quddiem id-dar tal-esponenti, l-fatt li qabbad lill-haddiehor jimxi wara l-passi tal-esponenti (ara kopja tar-rapport tal-*probation officer* Joanna Farrugia datat 3 ta' Lulju 2017), bosta telefonati u mezzi ohra ta' telekomunikazzjoni mal-esponenti u membri tal-familja taghha, kienu *'fine line li jien kont qed nigi f'posizzjoni fejn wara wkoll li kont inkun ikkonsultajt ma' l-Avukat Generali ma jkunx hemm l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex jiena inkun nista' inressaq u tista' tinstab htija minghajr dubju detatt mir-raguni kif suppost isir fil-kamp kriminali'.* Illi hawnhekk taqbel mar-rikorrenti li dan l-atteggjament mhu xejn car meta wiehed iqis li 'Y' kien diġà akkuzat b'reat ta' fastidju u segwiment ta' persuna u sahansitra gie misjub hati u inhargu kondizzjonijiet mill-Qorti. Mistoqsi dwar kaz minnhom fejn zewgha kien cempel id-dar ta' omm ir-rikorrenti, u Pisani kien qallu li cempel biex ikellem lit-tfal tieghu qal: "*Hawnhekk jiena bhala investigatur u bhala prosekutur nigi bejn halltejn.*

*Ghax jien ma nistax ma naghtix kaz dak li jkun qed jigri lill-vittma, pero' still at the back of my mind hemm id-drittijiet kollha tal-imputat."* Huwa minnu li jrid jaghraf jekk l-agir kien bi ksur tal-ordni, imma kellu jaghraf ukoll li meta Qorti gja harget ordni ta' protezzjoni, kull kuntatt ghandu jigi impedut. F'dan il-kaz kellu jipprocedi biex jirrettifika s-sitwazzjoni b'talba appozita liema talba ma jirrisultax li saret.

**Illi b'rizultat ta' dawn il-mankanzi, il-Pulizija stess holqu ambjent ta'rivittimizzazzjoni (secondary victimisation) tar-rikorrenti.**

Tant hu hekk li r-rikorrenti tilfet kull speranza li kienet ser tikseb protezzjoni mill-awtoritajiet tal-pulizija u mis-sistema gudizzjarja fil-pajjiz. Huwa evidenti li s-sistema falliet, u falliet bil-kbir specjalment tenut kont in-numru ta' rapporti li saru mir-rikorrenti, u n-nuqqas tal-Pulizija li jipprocedu fuq uhud minnhom fl-ambitu ta' eskalazzjoni ta' abbuzi.

Ghaldaqstant issib li d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni gew lezi u kwindi ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti abbazi ta' dawn l-artikoli.

**L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed tilmenta li l-awtoritajiet tal-Istat naqqsu milli jiehdu l-mizuri necessarji biex jigi zgurat ir-rispett tal-hajja privata taghha u tal-familja taghha billi

naqqsu milli jipproteguha skont l-agir vjolenti ta' zewga kif gja jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fil-kuntest tal-ezami tal-artikolu 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament.

Bhala punt ta' fatt, din il-Qorti taqbel li r-rikorrenti irnexxielha tipprova li sofriet trawmi psikologici ta' certu severita', mhux biss minhabba l-agir ta' zewgha, imma wkoll minhabba l-fatt li zewgha baqa' jagixxi b'impunita' minkejja l-ordnijiet mahruga kontrih. In-ness bejn in-nuqqas tal-Pulizija li jinvestigaw u jagixxu, u din l-impunita' gja gie dokumentat.

L-Artikolu imsemmi jiddisponi li :-

*"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

Illi tajjeb li jingħad li *"ħajja privata"* fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għandha tifsira wiesgħa li tgħodd fiha l-aspetti tal-ħajja fiżika u soċjali tal-persuna.

"*Thus, from the beginning the Court eschewed a narrow approach which would limit private life to notions of privacy and protection from publicity, in favour of a broader approach which emphasised the ability to live one's life without arbitrary disruption of interference.*"[17]

Illi l-principji gwida huma enuncjati mill-Qorti Ewropea fil-kaz ***BEVACQUA AND S. v. BULGARIA***[18]**:**

*"14. The right to respect for one's family life under Article 8 includes a parent's right to the taking of measures with a view to his or her being reunited with his or her child and an obligation – albeit not absolute – on the national authorities to take such action (see, as a recent authority,* ***Šobota-Gajić v. Bosnia and Herzegovina****, no. 27966/06, § 51, 6 November 2007, with further references). As regards respect for private life, the Court has previously held, in various contexts, that the concept of private life includes a person's physical and psychological integrity. Furthermore, the authorities' positive obligations – in some cases under Articles 2 or 3 and in other instances under Article 8 taken alone or in combination with Article 3 of the Convention – may include, in certain circumstances, a duty to maintain and apply in practice an adequate legal framework affording protection against acts of violence by private individuals (see the judgments cited in paragraph 85 above and, also,* ***Osman v. the United***

[17] Harris, O'Boye & Warbrick *Law of the Convention on Human Rights* (3rd Ed). p 525.
[18] **Q.E.D.B. -** 12 ta' Gunju 2008 - App.Nru. 71127/01

***Kingdom**, judgment of 28 October 1998, Reports 1998-VIII, §§ 128-130, and **M.C. v. Bulgaria**, no. 39272/98, ECHR 2003-XII). The Court notes in this respect that the particular vulnerability of the victims of domestic violence and the need for active State involvement in their protection has been emphasised in a number of international instruments (see paragraphs 49-53 above)."*

*Illi fil-kaz citat ante,* fl-ismijiet **Hajduova v Slovakia** *(Q.E.D.B. 30 ta' Novembru 2010)* intqal:

*15. As regards respect for private life, the Court has previously held, in various contexts, that the concept of private life includes a person's physical and psychological integrity. Under Article 8 the States have a duty to protect the physical and moral integrity of an individual from other persons. To that end they are to maintain and apply in practice an adequate legal framework affording protection against acts of violence by private individuals (see **X and Y v. the Netherlands,** cited above, §§ 22 and 23; **Costello-Roberts v. the United Kingdom,** 25 March 1993, § 36, Series A no. 247-C; D.P. and J**.C. v. the United Kingdom,** no. 38719/97, § 118, 10 October 2002 and **M.C. v. Bulgaria,** no. 39272/98, §§ 150 and 152, ECHR 2003-XII, and most recently the Court's judgment in the case of **A v. Croatia**, no. 55164/08, § 60, 14 October 2010 (not yet final)). The Court notes in this respect that the particular vulnerability of the victims of domestic violence and the need for active State involvement in their*

*protection has been emphasised in a number of international instruments (see the reference to the Court's judgment in the case of Opuz at paragraph 27 above and the Court's judgments in Bevacqua, cited above, §§ 64-65, and Sandra Janković v. Croatia, no. 38478/05, §44-45, ECHR 2009-... (extracts)).*

**Hekk ukoll** Fil-kaz ta' **Irene Wilson v the United Kingdom**, deciz 23 t'Ottubtu 2012, **Q.E.D.B.,** il-Qorti irriteniet :

*"While the essential object of Article 8 of the Convention is to protect the individual against arbitrary action by public authorities, there may in addition be positive obligations inherent in effective "respect" for private and family life. Those obligations may involve the adoption of measure in the sphere of the relations between individuals. Children and other vulnerable individuals, in particular, are entitled to effective protection.*

*The concept of private life includes a person's physical and psychological integrity. Under Article 8 States have a duty to protect the physical and psychological integrity of an individual from other persons. To that end, they are to maintain and apply in practice an adequate legal framework affording protection against acts of violence by private individuals. Victims of domestic violence are particularly vulnerable and the need for active State involvement in their protection has been emphaisesed in a number of international instruments.*

*The court's task is not to substitute itself for the competent domestic authorities in determining the most appropriate methods for protecting individuals from attacks on their personal integrity, but rather to review under the Convention the decisions that those authorities have taken in the exercise of their discretionary powers.'*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqies li l-awtoritajiet ma pprovdux dik il-protezzjoni mehtiega lir-rikorrenti f'cirkostanzi meta r-riskji li inkorriet fihom kienu manifesti u prevedibbli ghar-ragunijiet fuq elenkati.

**Fil-fehma konsiderata taghha, in-nuqqas tal-Pulizija li jmexxu kontra zewgha fuq allegat ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, kif ukoll id-difetti sistemici li jimponu piz sproporzjonat fuq vittmi ta' vjolenza domestika li jinfurmaw huma lill-Pulizija bl-ordnijiet ta' protezzjoni u mhux *vice versa*, n-nuqqasijiet fis-sistema tal-Pulizija f'kazijiet simili, kumulattivament jammontaw ghall-ksur tal-obbligazzjonijiet pozittivi tal-Istat li jassigura r-rispett tal-hajja privata u tal-familja tar-rikorrenti**.

**Ghaldaqstant issib li t-talba ta' lezjoni skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni hija gustifikata u ser tigi milqugha.**

**Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni**

Illi dan l-artikolu jirrigwarda d-dritt ghal-liberta` ta' moviment testwalment:

*"44 (1) Ebda ċittadin ta' Malta ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ta' moviment, u għall-fini ta' dan l-artikolu din il-libertà tfisser id-dritt ta' moviment liberu ġewwa Malta, id-dritt li jirrisjedi f'kull parti ta' Malta, id-dritt li joħroġ minn Malta u d-dritt li jidħol Malta."*

Ir-rikorrenti ma ttratta xejn dwar dan il-punt u taqbel mal-intimati li m' ghandha l-ebda restrizzjoni ghad-dritt tal-liberta` ta' moviment.

**Ghaldaqstant ma ssibx li hemm ksur ta' dan l-artikolu.**

**Artikolu 1 tal-Konvenzjoni**

Illi dan l-artikolu jimponi fuq l-Istat Membri tal-Konvenzjoni l-obbligu li jassiguraw lil kull persuna fil-gurisdizzjoni taghhom dawk il-jeddijiet u l-libertajiet li huma imfissra fil-Konvenzjoni.

**L-awturi Harris, O'Boyle and Warbrick**[19] jghidu "*While compliance with this obligation finds a particular reflection in those instances where the Convention has been incorporated into domestic law, a party may satisfy Article 1 instead by ensuring in whatever manner it chooses that its law and practice is such that Convention rights are*

[19] *Law of the European Convenion on Human Rights, (*4th ed) p 29)

*guaranteed. In fact, the Convention has now been incorporated into the law of all the contracting parties."*

Illi fil-kaz in dizamina, l-Konvenzjoni Ewropea giet ratifikata u inkorporata fil-ligi taghna permezz tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta). Id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni japplikaw bhala parti mil-ligi ordinarja *de jure* u anke hija superjuri fil-gerarkija tal-ligijiet ordinarji.

**Ghaldaqstant ma ssibx vjolazzjoni ta' dan l-artikolu.**

.

**L-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni**

Illi dan l-artikolu ma giex trattat fis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Dan l-artikolu jiddisponi li *"Everyone whose rights and freedoms as set forth in [the] Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity."*

L-awturi **Jacobs & White and Ovey,** fil-ktieb "*European Convention on Human Rights* ", (3.ed) jghidu li "*Article 13 offers a measure of respect for national procedural autonomy; this refers to the ability of each Contracting State to determine the form of remedies offered to meet its obligations under the article....National procedural autonomy does not however, extend to the very existence*

*of a remedy, since Article 13 requires that there is an effective remedy to enforce the substance of the Convention rights in the national legal order."*

Illi fid-decizjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz ***Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** [GC][20] moghti fis-17 ta' Lulju 2014 inghad:

*"Article 13 of the Convention guarantees the availability at the national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to their Convention obligations under this provision. The scope of the obligation under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint under the Convention. Nevertheless, the remedy required by Article 13 must be "effective" in practice as well as in law. In particular, its exercise must not be unjustifiably hindered by the acts or omissions of the authorities of the respondent State (see Paul and Audrey Edwards v. the United Kingdom, no. 46477/99, §§ 96-97, ECHR 2002-II).[21]"*

[20] App Nru 47848/08
[21] Para 148.

Illi ghalhekk **l-artikolu 13** jitlob l-ezistenza ta' rimedju effettiv fuq livell nazzjonali li jwassal ghall-harsien effettiv tal-jeddijiet mahsuba fil-Konvenzjoni u li jkun jista' jitqies l-ilment tal-ksur tal-jedd konvenzjonali fil-mertu tieghu u kif ukoll li jinghata rimedju effettiv f'kaz ta' sejbien ta' ksur

Dan ma jfissirx li r-rimedju moghti jiggarantixxi ta' bilfors is-success jew l-ezitu garantit, izda li jkun wiehed li jista' jintlahaq bla tahbit kbir u bil-mezzi xierqa disponibbli lill-persuna fil-qafas tas-sistema gudizzjarja jew amministrattiva nazzjonali. (Ara f'dan is-sens sentenza tal-20 t'Ottubru, 2015, ta' din il-qorti, diversament preseduta, fil-kawza fl-ismijiet **Rosalie Darmanin vs Il-Prim' Ministru et**).

Illi inoltre, l-Qorti Ewropea, fl-ezami tal-artikolu 13, tqies li dan l-artikolu jkun sodisfatt anke jekk ir-rimedju effettiv jinkiseb *b'aggregate of remedies.* Fil-kaz **Brincat and Others v Malta,** fuq citat, il-Qorti, wara li ezaminat il-qafas legali Malti in materja, irriteniet li dan joffri rimedji fuq zewg binarji, dak ordinarju civili ghad-danni materjali (*damnum emergens u lucrum cessans)* kif ukoll rimedju ghad-danni non-pekunjarji quddiem il-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali taghhom[22].

**Illi fil-kaz odjern, in kwantu permezz tal-proceduri odjerni nstab li r-rikorrenti sofriet lezjoni tad-drittijiet konvenzjonali taghha u jsegwi wkoll li jixraq li tinghata**

---

[22] Ara ad. ez. *Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Malta*, nru. 26771/07, § 69, 5 April 2011, re Article 1 of Protocol No. 1, u *Zarb v. Malta* nru 16631/04, § 51, 4 July 2006, re Article 6.

**rimedju effettiv, kif ser jigi mistharreg aktar ‘il quddiem, ma jirrizultax il-htiega li jigi investit dan l-ilment ulterjorment f’dan l-istadju.**

**L-Artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Glieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika;**

Il-Konvenzjoni Istanbul gie ratifikat f'Malta permezz tal-Att **XIX tal-2014 (Kap 532)** u permezz tieghu l-Konvenzjoni saret esegwibbli bhala parti mil-Ligi ta' Malta. Dan l-att gie imhassar permezz tal-Att XIII tal-2018 (**Kap 581 tal-Ligijiet ta' Malta)**.

Ikkonsidrat li l-**artikolu 18** huwa imfisser f'termini generali billi jittratta l-obbligi generali imposti fuq l-Istati Membri li inkludu mizuri legislattivi mehtiega biex jipprotegu vittimi minn atti ta' volenza; l-implementazzjoni ta' mekkanizmi xierqa sabiex ikun hemm kooperazzjoni effettiva bejn l-agenziji kollha involuti tal-Istat, NGO's u entitajiet ohra involuti fil-glieda kontra l-vjolenza domestika.

Fost il-miri hemm li l-pajjizi membri ghandhom jevitaw vittimizzazzjoni sekondarja.

Illi l-intimati eccipew li l-artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta’ Istanbul huwa inapplikabli ghal kaz odjern u fi kwalunkwe kaz l-Istat Malti qed jiehu dawk l-inizjattivi legislattivi

necessarji sabiex tkompli tissahhah il-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.

Illi ssottomettew ulterjorment li din il-ligi relattivament gdida wiehed irid jaraha ukoll fid-dawl ta` emendi li saru fil-Kodici Kriminali proprju sabiex ikun hawn qafas legislattiv b`sahhtu fejn tidhol vjolenza domestika. Issir referenza ukoll ghal-artikolu **540A tal-Kap 9** li jghid:

*"Meta l-Pulizija Eżekuttiva tirċievi rapport, denunzja jew kwerela li fuqhom għandhom isiru proċeduri kontra persuna, minn persuna jew persuni indikati fil-paragrafu (a) tal-artikolu 12 tal-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità, uffiċjal tal-Pulizija għandu minnufih jagħmel valutazzjoni, flimkien ma' professjonist imħarreġ mill-aġenzija msemmija skont l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, tar-riskju tal-persuna offiża jew ta' xi individwu ieħor, skont il-każ.*

*(2) Jekk, wara tali valutazzjoni, ikun jidher biċ-ċar li persuna tkun f'riskju serju ta' ħsara, il-Pulizija Eżekuttiva għandha minnufih tagħmel rikors quddiem Maġistrat fejn titlob il-ħruġ ta'ordni ta' protezzjoni temporanja fejn tniżżel ir-raġunijiet għalfejn saret din it-talba u tagħti lill-Maġistrat it-tagħrif kollu meħtieġ biex jgħin lill-Maġistrat jiddeċiedi fuq tali talba.*

*(3) Qabel ma jiddeċiedi jekk tinħariġx l-ordni ta' protezzjoni temporanja, il-Maġistrat jista' jitlob lill-uffiċjal, lill-professjonist, jew lill-persuna li qiegħda tagħmel ir-rapport*

*jew kwerela li qiegħda tagħti t-tagħrif, sabiex tikkonferma taħt ġurament it-tagħrif mgħoddi minnu u l-ordni ta' protezzjoni temporanja għandha tinħareġ hekk kif il-Maġistrat ikun sodisfatt li hemm raġunijiet suffiċjenti għall-ħruġ tal-ordni ta' protezzjoni temporanja: Iżda tali deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien sitt sigħat minn meta r-rikors ġie rċevut.*

*(4) F'każ ta' urġenza massima, it-talba għall-ħruġ tal-ordni ta' protezzjoni temporanja u l-ordni ta' protezzjoni temporanja jistgħu jiġu komunikati wkoll b'mezzi elettroniċi :Iżda l-ordni ta' protezzjoni temporanja oriġinali għandha, kemm jista' jkun malajr, tiġi mgħoddija minħabba raġunijiet ta' żamma ta' provi.*

*(5) Is-subartikoli (7), (8), (11) u (12) tal-artikolu 412Ċ għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-ordni ta' protezzjoni temporanja maħruġa taħt dan l-artikolu.*

*(6) Ordni ta' protezzjoni temporanja maħruġa taħt dan l-artikolu għandha tibqa' fis-seħħ sakemm jiġi determinat jekk għandhomx jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-allegat awtur, iżda tista' tiġi revokata jew estiża għal perjodi itwal ta' żmien jekk tiġi vverifikata l-eżistenza ta' kawża ġusta mill-Pulizija Eżekuttiva jew il-parti offiża.*

*(7) Hekk kif jiġi determinat li l-ebda proċeduri kriminali m'għandhom jittieħdu kontra l-allegat awtur, il-Pulizija Eżekuttiva għandha minnufih tinforma lill-Maġistrat u titlob ir-revoka tal-ordni ta' protezzjoni temporanja.*

*(8) L-ordni ta' protezzjoni temporanja għandha taqa' hekk kif tinħareġ ordni ta' protezzjoni taħt l-artikolu 412Ċ.*

*(9) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "ordni ta' protezzjoni temporanja" għandu jkollha l-istess tifsira ta' "ordni ta' protezzjoni" taħt l-artikolu 412Ċ."*

Illi l-intimat issottometta ulterjorment "*Illi dan qed jinghad proprju sabiex jigi enfasizzat il-fatt li l-Istat ha azzjoni biex ikun hawn sistema ahjar ta` protezzjoni addizjonali ghall-vittmi ta` vjolenza domestika u kwistjonijiet ohra ancillari kif jirrikjedi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dawn huma mizuri specific intizi biex ikun hemm 'in practice an adequate legal framework affording protection against acts of violence by private individuals.' Jekk dan kollu ma jigix rikonoxxut ikun ifisser li jaghmel x`jaghmel l-Istat sabiex ihares dawn id-drittijiet huwa ghalxejn.* "

Illi taqbel mal-intimat li l-artikolu 18 tal-Konvenzjoni qed jigi implementat permezz tal-Att introdott fis-sena 2018. effettivament dak l-artikolu ihalli f'idejn l-Istati membri tal-Konvenzjoni li jifformulaw il-qafas legislattiv u ezekuttiv in adempjenza tal-obbligi internazzjonali taghhom.

Illi l-ilment tar-rikorrenti tirreferi ghall-kazijiet li sehhew qabel l-introduzzjoni ta' l-Att XIII u komplew wara. Fil-fatt din il-Qorti gja ravvisat li n-nuqqas ta' investigazzjoni f'waqtu u prosekuzzjoni tar-rapporti ta' ksur tal-ordinijiet ta'

protezzjoni, u kondizzjonijiet tal-helsien wassal ghall-*secondary victimisation* fil-kliem testwali tal-Konvenzjoni.

Illi fic-cirkostanzi, izda, l-artikolu 18 mhuwiex esegwibbli direttament quddiem il-Qrati taghna imma huwa imfisser f'termini generali li jhalli f'idejn kull stat, soggett ghall-monitoring mill-GREVIO, kif l-ahjar ghandu jimplimenta l-miri u l-obbligi tal-Konvenzjoni.  Ovvjament kif gja premess, din il-Konvenzjoni tifforma parti mill-qafas ta' trattati internazzjonali li ghandhom jiggiwidaw lil din il-Qorti fl-applikazzjoni u fl-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea f'kazijiet ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika.

Illi r-rikorrenti baqghet siekta fuq dan il-kap tat-talbiet taghha.

Illi dan kollu premess issib li ma hemmx vjolazzjoni tal-artikolu citat.

**RIMEDJU**

Illi fic-cirkostanzi l-qorti ser tiddikjara li kien hemm lezjoni fil-konfront tar-rikorreti tal-artikoli 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Issib li ghandha tillikwida danni non-pekunjarji pagabbli mill-Kummissarju tal-Pulizija lir-rikorrenti ghat-trawma minnha subita minhabba n-nuqqasijiet ikkonstatati, ammontanti ghal hamest elef ewro (€5,000).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi :

1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament in kwantu li tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas ta' azzjoni immedjata u effettiva da parti tal-intimati, jew min minnhom, kif hawn fuq spjegat u kkonstatat f'din is-sentenza, tammonta ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u tichad it-talbiet attrici fir-rigward tal-artikoli rimanenti dedotti fl-ewwel talba taghha;

2. Tilqa' t-tieni talba fis-sens li tqies li d-dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet kif misjuba fil-paragrafu precedenti flimkien ma' danni non pekunjarji huma rimedji sufficjenti fic-cirkostanzi tal-kaz. Tissollecita lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu nota tal-mankanzi li gew ikkonstati fis-sentenza sabiex jigi evitat aktar trawma lir-rikorrenti.

3 Tillikwida kumpens in lineja ta' danni non-pekunjarji sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghha kif premess fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) u tikkundanna lill-intimat Kummissarju tal-

Pulizija sabiex ihallasha dan l-ammont hekk likwidat, bl-imghaxijiet legali dekorribbli minn tlett (3) xhur millum sad-data tal-pagament effettiv.

Konsegwentement tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati in kwantu li dawn jirreferu ghall-allegat vjolazzjoni tal-Artikolu 32 u 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni Istanbul.

**L-ispejjez jithallsu mill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2019**